magażin sportiv ta' kull ġimgħa – www.sportivmalta.com

# SPORTIV



Intervisti ma' Robert Arrigo u Ray Farrugia (Sliema Wanderers), p12

Posters

Pietà Hotspurs F.C., p36
SN Suns, p61

Intervista ma' Laurie Pace

Ex-judoka ta' suċċess, p54





## Football

## Jerġa' jibda l-Kampjonat Premier

▶ Valletta jirritornaw għar-rebħ u Sliema Wanderers jieħdu żelqa oħra

Floriana jsalvaw punt, p16

## Basketball

Bupa Luxol jirbħu l-MBA Shield, p56

THE WESTIN
DRAGONARA RESORT
Malta

Irbaħ Westin Weekend kull xahar




**Irbaħ Kit ta' B'Kara F.C.!**

Min hu l-coach tat-team ta' Birkirkara F.C.?

______________________________

Isem: ____________ Indirizz: ____________ Tel: ____________

Wieġeb u ibgħat lil: Zen Publishing - Kompetizzjoni Teamsport, 18 Triq Daniel Sammut, Lija LJA 1312

Ir-rebbieħ tal-kompettizjoni TaemSport ta' l-aħħar ħarġa huwa: Alfred Debattista - Hamrun

Sa fl-aħħar reġa' wasal il-Premier League. Apparti s-sorpriża minn Pieta' Hotspurs u kif ukoll il-pubbliku numeruż li attenda għall-logħbiet tas-Sibt, ftit jew xejn kien hemm fuq xiex wieħed jimmeravilja ruħu. Il-livell kien fqir, mhux sorpriża li l-waqfa nħasset fost il-players tagħna u hemm bżonn naraw x'nagħmlu biex dan fil-futur ma jibqax iseħħ.

Minn barra l-Premier League tkomplew ukoll il-kampjonati l-oħra, bil-Victor Tedesco Stadium jiġi utilizzat għall-ewwel darba dan l-istaġun.

Nagħtu ħarsa lejn l-aħħar żewġ logħbiet li lagħbu t-timijiet nazzjonali kontra n-Norveġja u l-Bosnia-Herzegovina u kif ukoll issibu l-statistika dwar il-logħob mill-gruppi kollha.

Minn barra l-football kellna ħafna aktar sports, tkompla l-kampjonat tar-rugby u saret il-finali tax-shield tal-basketball li ntrebħet minn Bupa Luxol.

Morna Ħal-Far għall-aħħar laqgħa tal-kwart ta' mil, mill-Marsa programm ieħor tat-tiġrijiet taż-żwiemel u l-aħħar logħbiet mill-kampjonati tal-Volleyball.

Bħal kull ġimgħa, tkompli l-Istorja tal-Football Malti u kif ukoll dik ta' Charlie l-'Big Boy'. Din il-ġimgħa inlaqqgħukom ma' Laurie Pace, ex Judoka li kisbet ħafna suċċess għal pajjiżna f'din id-dixxiplina sportiva.

SPORTIV, meta l-isports jasal għandek b' differenza!

Björn Vassallo

www.sportivmalta.com

SPORTIV


Ħarġa nru 6

# WERREJ

SPORTIV
Magażin Sportiv ta' kull ġimgħa
www.sportivmalta.com

**Ippubblikat minn Zen Publishing**
18 Daniel Sammut Street, Lija LJA1312, Malta
Tel: 27200233 Fax: 25401217

**Publishing Director**
**Norman Darmanin Demajo**
norman.darmanindemajo@sportivmalta.com

**Associate Publisher**
**Paul Falzon**
info@sportivmalta.com

**Managing Editor**
**Björn Vassallo**
bjorn.vassallo@sportivmalta.com

**Public Relations Officer**
**Claudia Cutajar**
claudia.cutajar@sportivmalta.com

**Marketing Department**
info@sportivmalta.com

**Contributors**
info@sportivmalta.com

**Design**
Zen Grafiks

**Photographers**
Raymond Attard, Scott Dear, Fabian Schembri, Alex Azzopardi, Dominic Aquilina

**Cover**
Premier League - Football - Ritratti Ray Attard

SPORTIV stampat fil-Union Print Co. Ltd Marsa, Malta



**4 In-Numru Wieħed**
Analiżi ta' Tonio Farrugia

**6 Euro 2008**
Malta ttemm l-impenji tagħha b'telfa kbira kontra n-Norveġja

**8 Kampjonat Ewropej U21**
Malta tikseb l-ewwel tliet punti minn Grupp 10

**10 Euro 2008**
Il-finalisti u kif spiċċaw fil-gruppi

**12 1 v 1**
Jitkellmu Robert Arrigo u Ray Farrugia

**16 Kampjonat Premier**
Sorpriża minn Pieta' H.

**21 Rekords**
Ray Sant u l-preżenzi tiegħu

**22 L-I, II u III Diviżjoni**
Ikompli l-logħob...

**28 Kampjonati Għawdxin**
Ikompli l-logħob...

**34 Kompetizzjoni**
Irbaħ ma' SPORTIV...

**36 Poster**
Pieta' Hotspurs F.C.

**38 L-Istorja tal-Football Malti**
Kif qatt ma rajtuha qabel...

**50 Żwiemel**
Power Cape bl-ewwel rebħa fil-Premier

**50 Intervista**
Niltaqgħu ma' Laurie Pace

**56 Basketball**
Bupa Luxol jirbħu s-Shield

**61 Poster**
Bell Med SN Suns Basketball Team

**63 Rugby**
Rebħiet għall-Kavallieri u Overseas

**66 Stejjer mill-Passat**
Tkompli l-istorja ta' Charlie l-Big Boy

**68 Drag Racing**
L-aħħar laqgħa ta' l-istaġun fl-Ħal-Far

**70 Volleyball**
M'scala Mapei u Paola Hibs Candy fil-quċċata



# In-Numru Wieħed

minn Tonio Farrugia

Ġurnata qabel il-logħba man-Norveġja, in-Nursery tal-football tat-tifel organizzaw laqgħa għall-ġenituri fejn stiednu lis-sinjorina Adele Muscat, psikoloġista tal-isport, li fetħet diskussjoni nteressanti fuq dan is-suġġett. Fost affarijiet oħra din qalet kemm hu mportanti li t-tfal minbarra l-football jipprattikaw xi sport differenti, għaliex b'hekk il-ġisem tagħhom isir aktar flessibbli, u dan jiswihom fil-football għax ikunu jafu kif jaqgħu u ma jweġġgħux. Alex Delia, il-head coach, b'nofs tbissima qalilha li l-vera problema hi li l-players jafu jaqgħu ħafna. Kulħadd tbissem u ċ-ċajta waqfet hemm.

Dan iċ-ċajta, l-għada waqt Malta v Norveġja għexniha fil-maqlub tagħha u xejn ma tbissimna. Għax jiġru affarijiet fil-logħba li jifthu beraħ id-differenza bejn il-players Maltin u dawk barranin. U hawn m'aħniex qegħdin ngħidu għall-iskor tal-partita.

Fil-fatt fl-isbaħ mumenti tagħna, meta bdejna naħsbu f'xi Moldova mill-ġdid, rajna l-bieb jingħalaq b'sabta f'wiċċ it-tamiet tagħna, proprju għax għadna prinċipjanti fil-mod kif naqgħu għall-penalty. Dak il-ħin konna ninsabu f'nofs it-tieni taqsima u lin-Norveġiżi konna diġà irkuprajnielhom goal, ilqatnielhom il-lasta u minn ħin għall-ieħor konna qed nippretendu li jasal dak it-tieni goal li kellu jiftaħ il-partita mill-ġdid. Effetti Moldovani.

Konna ħsibna li wasalna hekk kif suppost ħadna penalty għal foul fuq Andrè Schembri. Iżda minflok il-penalty u t-tieni goal ħadna tkeċċija għax Andrè Schembri ma jafx jaqa'. Il-partita tagħna spiċċat hemmhekk.

Ngħiduha kif inhi. Il-penalty kien, imma Andrè tagħna deher illi qed jirrecta għax malli ħass id-daqqa qabeż ftit iktar milli suppost. Ġie li naraw players barranin, artisti fil-mod kif jaqgħu, li ma jmissuhomx iżda mix-xejn jakkwistaw penalty. Aħna kellna penalty u minflok spiċċajna bi player inqas. Hekk ukoll jintrebħu u jintilfu l-logħbiet. Il-bogħod mill-iskemi tattiċi fuq il-blackboard. Minn hekk ingħalqet il-partita tagħna u minn hekk kienu jifthu l-partita beraħ il-barranin.

Issa n-Norveġizi kienu diġà tajbin ħafna għalina. Mill-bidu dehru aħjar minna. U ikbar minna wkoll. Biss biss Michael Mifsud, in-numru wieħed tagħna, idur ma' dawk id-difensuri fihom darbtejn daqsu aktar beda jfakkarna fl-istorja ta' Lilliput milli ta' Lillistroem. In-Norveġiżi ma kellhomx bżonn din l-għajnuna żejda.

It-tkeċċija ta' Andrè ħarqitna u jekk ma pattejnielhomx fil-ground, lin-Norveġiżi tajniehilhom fuq it-taraġ.

## WIEĦED B'WIEĦED

Għax proprjament dawn ħames darbiet għajtu goal, anke jekk skurjawlna erba'. Wara li għamilna ħinijiet twal ninkuhom u nkantawlhom 'Norway no Europe' – f'mumenti meta konna nafu li kienu barra mill-Ewropa għax it-Torok kienu qed jirbħu l-partita tagħhom mal-Bosnja 1-0 – f'daqqa waħda ftit minuti qabel it-tmiem bil-ballun f'nofs il-ground rajnihom jogħlew u jifirħu, jitgħannqu u jgħajtu "goal!"

Stajna nobsru x'seta' ġara. Meta staqsejt ġurnalist Norveġiz maġenbi għaliex dak il-ferħ, b'Ingliż li jaqlagħlek il-fwied biex tifhmu qalli: 'żambotty downstairs mejk van van weed iż hants'. Xi ħadd bis-swaba' – iktar milli b'idejh – kien għamlilhom sinjal ta' 1-1.

F'era ta' teknoloġija moderna, dan il-messaġġ kien tal-ifqar kwalità. Xtaqt staqsejt iktar imma ma kienx il-mument. Xtaqt staqsejtu jekk min għaddielhom il-messaġġ b'idejh kienx Malti jew Norveġiż u b'liema swaba' kien għamlilhom il-wieħed u wieħed.

Għax jekk kien Malti jista' jkun li kien maħruq daqsi u ma kienx qed ifissrilhom li l-Bosnja ġabu d-draw mat-Torok.



Partitarji ta' Hamrun S.



Julian Briffa u Simon Agius ta' Floriana wara l-goal ta' Effiong (Hamrun S.)






Partitarji ta' Birkirkara




Partitarji ta' Valletta

## IN-NUMRU WIEĦED TA' JOSEF MIFSUD

Lil dan id-difensur Belti għabbewh b'kollox. Fuqu straħu biex jeħilsu mid-diżastru kollettiv tat-telfa Griega. Hu kien l-iktar li weħel. Għax la darba Josef Mifsud kien nieqes kontra n-Norveġiżi, il-messaġġ ta' Fitzel, bil-kliem qabel il-logħba mal-Griegi u bla kliem wara l-logħba mal-Griegi, kien ċar. Il-player ingħata ċ-ċans u ma ħadux.

Għax il-coach nazzjonali kien diġà għamilha ċara qabel il-logħba mal-Greċja li Josef Mifsud kien ser jingħata ċ-ċans u kien f'idejh jekk jieħdux jew le. Qisu xi player li waqa' mill-pjaneta Jupiter u għad irridu narawh jilgħab għall-ewwel darba biex inkunu nafu min hu jew x'jaf jagħmel. Il-player jilgħab għax hu Josef Mifsud u jekk ma jilgħabx għax hemm aħjar minn Josef Mifsud. Nafu min hu. M'għandux bżonn prova mal-Greċja. Jekk inhu għalhekk setgħu nbidlu kollha – Haber apparti. Ma' dan iż-żagħżugħ ma saritx ġustizzja.

Hawn ma rridx nagħmilha tal-psikoloġista jien, imma bi kliem bħal dan il-player imtela' minn fuq s'isfel bi pressjoni li jrid jilgħab tajjeb bil-fors. Qisu xi tifel żgħir li jekk ma jagħmilx il-homework tajjeb ma jarax ta' Becky fuq it-TV. Il-football mhux hekk.

Dawn il-ħsibijiet Fitzel messu żammhom għalih u lill-player immotivah mod ieħor. Fil-football player poġġieh taħt prova u spiss ifalli; ħallieh trankwill, immotivah u joħroġ tajjeb. Hekk ukoll jintrebħu u jintilfu l-logħbiet.

Iktar minn hekk, nimmaġina li dan l-istaġun Mifsud huwa mxebba' sal-ponta ta' mnieħru b'dawn il-provi. Għax anke ma' Valletta fil-Premier, f'kull logħba, dejjem qed ngħadduhom minn prova wara l-oħra biex naraw jekk jafux jilagħbu. Issa anke fin-nazzjonal (u ma' min suppost jaf aħjar) Josef Mifsud qed ikollu joqgħod għal dawn il-provi.

Il-player ma lmentax. Ġabar kollox ġo fih u qagħad kwiet anke meta kellu l-mikrofonu tat-TV quddiemu u seta' tahom ftit ideat minn tiegħu fuq kif għandu coach nazzjonali jipprepara player għall-partita. Għażel li ma jgħid xejn. Jista' jkun li għax mhux żbukkat u kapaċi jżomm ġo fih. Jew għax għadu żgħir u ma' Malta jixtieq jilgħab ħafna aktar minn logħba waħda mal-Griegi. Dik hi s-sitwazzjoni. Il coach jista' jitkellem bl-addoċċ. Il-player ma jistax.

Forsi players oħra kien jaqagħlhom il-moral u jieħdu ż-żmien biex jirkupraw, iżda Josef Mifsud fl-ewwel okkażjoni li ġietu wieġeb bl-isbaħ mod. Taħt għajnejn Fitzel, preżenti s-Sibt f'Ta' Qali, il-player kien maġistrali fid-difiża Beltija u, hu li qatt ma skorja fil-Premier fil-mitt logħba ta' qabel – la ma' Sliema, la ma' Msida u lanqas issa ma' Valletta – donnu ried juri li hemm 101 modi kif toħroġ minn mumenti diffiċli meta, kompliċi anke l-ħarġa allegra tal-goalkeeper Karkariż Omar Borg, skorja l-goal li ħareġ lill-Beltin mill-kriżi. Fil-ġirja u l-għajta tiegħu eżatt wara dak il-goal kien hemm ġimgħatejn ta' storja.

Il-konsolazzjoni ta' Mifsud hi li ma' Pawlu Zammit m'għandu bżonn ta' ebda eżami. Fit-team Belti daħal biex ma joħroġ qatt. Hemmhekk hu apprezzat. U d-difensur Belti rringrazzja għax b'dak l-ewwel wieħed tiegħu fil-Premier kien hu li għadda lill-Beltin u lil Pawlu Zammit mill-prova tagħhom.



Svetlan Kondev kien strumentali fir-rebħa ta' Pieta H. fuq Sliema W.




# Malta ttemm l-impe b'telfa kbira f'Ta'

**Malta ..... 1 Norveġja ..... 4**

Malta temmet l-impenji tagħha tal-preliminari tal-Euro 2008 b'telfa kbira f'Ta' Qali meta sfat megħluba bl-iskor ta' 4-1 minn Norveġja li minkejja din ir-rebħa xorta waħda ma kkwalifikawx minħabba li t-Turkija għelbu lil Bosnja-Herzegovina, f'darhom, bl-iskor ta' 1-0 biex spiċċaw fit-tieni post wara l-Greċja.

Sa tmiem l-ewwel taqsima l-logħba kienet diġà mirbuħa u mitlufa fejn l-attakkant Norveġiż, Steffen Iversen, skorja tliet goals mingħajr risposta.

Fit-tieni taqsima, il-Maltin għamlu reazzjoni u anke rebħu l-inizjattiva għal bosta ħinijiet, tant, li naqqsu l-marġni permezz ta' Michael Mifsud. Iżda t-tkeċċija ngusta ta' Andrè Schembri, għal simulazzjoni, ġiegħlet lin-Norveġiżi jerġgħu jieħdu l-kontroll tal-logħba biex żiedu goal ieħor għal skor finali ta' 4-1.

L-AĦJAR AZZJONIJIET

**0-1 (25 min)** – Steffen Iversen fetaħ l-iskor għan-Norveġja minn daqqa ta' ras mill-cross ta' Jarl Andre Storbaek.

**0-2 (28 min)** – Ir-referee Russu, Yuri Baskakov, saffar għal penalty favur in-Norveġiżi wara li Jamie Pace deher jagħmel kuntatt, fil-kaxxa ż-żgħira, ma' John Carew bil-konsegwenza li dan spiċċa ma' l-art. Kienet deċiżjoni kemmxejn ħarxa minħabba li l-azzjoni tan-Norveġiżi kienet diġà ntilfet. Mill-11-il metru Steffen Iversen ma falliex.

**0-3 (45 min)** – Steffen Iversen iċċelebra l-hat-trick tiegħu meta xeħet fix-xibka mill-cross fit-tul ta' John Arne Riise, bid-difiża Maltija tinqabad statika għall-aħħar.

**1-3 (53 min)** – Il-Maltin naqqsu d-distakk meta Michael Mifsud ikkonkluda l-cross insidjuż ta' Ian Azzopardi.

**67 min** – Andrè Schembri ntwera l-karta l-ħamra għal simulazzjoni wara li diġà kien ammonit fis-56 minuta.

**(1-4) – 75 min** – Mill-cross ta' Per Ciljan Skjelbred, Morten Gamst Pedersen issiġilla r-rebħa għan-Norveġja permezz ta' daqqa ta' ras .


Peter Pullicino u Roderick Briffa (Malta) jattakkaw lil John Carew (Norveġja)



John Arne Riise (Norveġja)


Andrè Schembri (Malta) issikkat minn żewġ players Norveġiżi



Udochukwu Nwoko (Malta)

**Round Preliminari**
**21.11.2007**
**Stadium Nazzjonali**
**Ta' Qali**

**Malta** ........................... 1

**Norveġa** ...................... 4

**Malta** - Justin Haber (*Haidari FC*), Ian Azzopardi (*Sliema Wanderers*), Luke Dimech (*Macclesfield Town*), Stephen Wellman (*Marsaxlokk*), Roderick Briffa (*Sliema Wanderers*), Udochukwu Nwoko (*Leixoes*) (Andrew Cohen 87 (*Hibernians*)), Peter Pullicino (*Marsaxlokk*), Ivan Woods (*Sliema Wanderers*) (Etienne Barbara 84 (*Sliema Wanderers*)), Jamie Pace (*Marsaxlokk*), Andre Schembri (*Eintracht Braunschweig*), Michael Mifsud (*Coventry City*) (Terence Scerri 89 (*Hibernians*)) – *Coach* – Dusan Fitzel

**Norveġja** – Haka Opdal, Jarl Andre Storbaek, Erik Hagen, Brede Hangeland, John Arne Riise, Bjorn Riise (Kristofer Haestad 76), Vidar Riseth, Per Ciljan Skjelbred, Steffen Iversen (Sigurd Rushfeldt 85), John Carew (Thorstein Helstad 68), Morten Gamst Pedersen

– *Coach* – Age Hareide

**Referee** – Yuri Baskakov (Russja)

**Assistenti** – Tihon Kalugin, Anton Averianov (Russja)

**Raba' Uff.** - Stanislav Sukhina (Russja)

**Skorers** - S. Iversen 25, 28 pen, 45, M. Gamst Pedersen 75 (N); M. Mifsud 53 (M)

**Ammoniti** – E. Hagen, V. Riseth, M. Gamst Pedersen (N); S. Wellman, M. Mifsud, A. Schembri, I. Woods (M)

**Tkeċċa** – A. Schembri 67 (M)




It-team Malti - *Wara* - Luke Dimech, Ivan Woods, Jamie Pace, Ian Azzopardi, Stephen Wellman - *Quddiem* - Andre Schembri, Peter Pullicino, Roderick Briffa, Justin Haber, Michael Mifsud, Udochukwu Nwoko

# L-ewwel rebħa u punti għal Malta

**Malta ..... 2 Bosnia Herzegovina ..... 1**

Malta rnexxielha tikseb l-ewwel rebħa minn Grupp 10 fil-Kampjonat Ewropej ta' Taħt il-21 sena meta fil-Corradino Stadium għelbet lil Bosnia Herzegovina bl-iskor ta' 2-1.

Kienet rebħa meritata fejn spikkat il-kollettività fost il-players Maltin li rnexxielhom idawru telfa f'rebħa wara li sofrew goal kmieni fil-partita.

Kien diffiċli li wieħed jagħżel l-aħjar player Malti minħabba li kollha wrew determinazzjoni u spirtu kumbattiv matul il-logħba kollha b'logħob intelliġenti wkoll.

Minkejja li baqgħet fil-qiegħ tal-klassifika, b'din ir-rebħa Malta laħqet lill-istess Bosnia Herzegovina, bi tliet punti, li iżda, dawn ta' l-aħħar għandhom differenza ta' goals aħjar.

## L-AĦJAR AZZJONIJIET

0-1 (8 min) – Bosnia Herzegovia fetħu l-iskor meta mill-freekick ta' Petar Jelic, il-goalkeeper Malti Luke Woods, naqas li jinnewtralizza tajjeb biex mir-rebound Eldin Adilovic kien pront sammar il-ballun fix-xibka.

1-1 (15 min) – Ryan Fenech kiseb id-draw għal Malta b'xutt mill-viċin wara li d-difiża ta' Bosnia naqset li tikklerja fil-ħin il-freekick perikoluż ta' Clayton Failla minn fuq ix-xellug.

2-1 (61 min) – Il-Maltin skurjaw dak li kellu jkun il-goal tar-rebħa meta Steve Meilak approfitta minn indeċiżjoni fid-difiża avversarja biex għadda lejn l-iżmarkat Matthew Bartolo li b'mod mill-aktar kalm iddepożita l-ballun fix-xibka.



Mark Miller, il-coach nazzjonali ta' Taħt il-21 sena



Il-players Maltin jiċċelebraw wieħed mill-goals skurjati



Ryan Fenech jegħleb lill-goalkeeper avversarju

**Round Preliminari**
**20.11.2007**
**Corradino Stadium**

**Malta ..........................2**

**Bosnia Herzegovina ...1**

**Malta** - Luke Woods (*Ware FC*), Edward Herrera (*Pietà Hotspurs*), Clayton Failla (*Hibernians*), Jonathan Caruana (*Hibernians*), Tyrone Farrugia (*Msida St. Joseph*), Paul Fenech (*Birkirkara*), Matthew Bartolo (*Sliema Wanderers*) (Steve Borg 92 (*Mosta*)), Edmond Agius (*Hibernians*), Steve Meilak (*Hamrun Spartans*) (Ryan Camilleri 79 (*Pietà Hotspurs*)), Ryan Fenech (*Hamrun Spartans*), Dyson Falzon (*Valletta*) – Coach – Mark Miller

**Bosnia** – Jasmin Buric, Boris Pandza (Adnan Likic 65), Vukasin Benovic, Ilija Ristanic, Kenan Cejvanovic, Papaz Predrag, Fenan Salcinovic (Said Huseinovic 46), Vlado Zadro (Emir Kasapovic 46), Eldin Adlovic, Petar Jelic, Semir Stilic – Coach – Nikola Nikic

**Referee** – Karen Nalbandyan (Armenja)

**Assistenti** –Gegham Vardnayan, Armen Yeritsyan (Armenja)

**Raba' Uff.** - Ararat Tchagharyan (Armenja)

**Skorers** - R. Adilovic 8 (BH); R. Fenech 15, M. Bartolo 61 (M)

**Ammoniti** – E. Agius, R. Fenech (M); B. Pandza, V. Zadro, I. Ristanic (BH)



It-team Malti - *Wara* - Luke Woods, Ryan Fenech, Jonathan Caruana, Tyrone Farrugia, Stephen Meilak, Dyson Falzon - *Quddiem* - Matthew Bartolo, Clayton Failla, Paul Fenech, Edmond Agius, Edmond Herrera

Klassifika - Grupp 10

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rumanija | 5 | 3 | 2 | 0 | 9 | 1 | 11 |
| Franza | 6 | 3 | 2 | 1 | 10 | 5 | 11 |
| Wales | 4 | 3 | 0 | 1 | 11 | 4 | 9 |
| Bosnja | 5 | 1 | 0 | 4 | 5 | 13 | 3 |
| Malta | 6 | 1 | 0 | 5 | 3 | 15 | 3 |





It-team ta' Bosnia Herzegovina

# Magħrufa l-finalisti



IS-16-IL FINALISTI

AWSTRIJA
*(organizzaturi)*
SVIZZERA
*(organizzaturi)*
FRANZA
ĠERMANJA
GREĊJA
ITALJA
KROAZJA
OLANDA
POLONJA
PORTUGALL
REPUBBLIKA ĊEKA
RUMANIJA
RUSSJA
SPANJA
SVEZJA
TURKIJA

Il-poloz ta' l-edizzjoni finali ser jittellgħu fit-2 ta' Diċembru, 2007

**GRUPP A**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Polonja | 14 | 8 | 4 | 2 | 24 | 12 | 28 |
| Portugall | 14 | 7 | 6 | 1 | 24 | 10 | 27 |
| Serbja | 14 | 6 | 6 | 2 | 22 | 11 | 24 |
| Finlandja | 14 | 6 | 6 | 2 | 13 | 7 | 24 |
| Belġju | 14 | 5 | 3 | 6 | 14 | 16 | 18 |
| Kazakhstan | 14 | 2 | 4 | 8 | 11 | 21 | 10 |
| Armenja | 12 | 2 | 3 | 7 | 4 | 13 | 9 |
| Azerbaijan | 12 | 1 | 2 | 9 | 6 | 28 | 5 |

**GRUPP B**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Italja | 12 | 9 | 2 | 1 | 22 | 9 | 29 |
| Franza | 12 | 8 | 2 | 2 | 25 | 5 | 26 |
| Skozja | 12 | 8 | 0 | 4 | 21 | 12 | 24 |
| Ukrajna | 12 | 5 | 2 | 5 | 18 | 16 | 17 |
| Litwanja | 12 | 5 | 1 | 6 | 11 | 13 | 16 |
| Georgia | 12 | 3 | 1 | 8 | 16 | 19 | 10 |
| Faroe Isl. | 12 | 0 | 0 | 12 | 4 | 43 | 0 |

**GRUPP Ċ**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Greċja | 12 | 10 | 1 | 1 | 25 | 10 | 31 |
| Turkija | 12 | 7 | 3 | 2 | 25 | 11 | 24 |
| Norveġja | 12 | 7 | 2 | 3 | 27 | 11 | 23 |
| Bosnja | 12 | 4 | 1 | 7 | 16 | 22 | 13 |
| Moldova | 12 | 3 | 3 | 6 | 12 | 19 | 12 |
| Ungerija | 12 | 4 | 0 | 8 | 11 | 22 | 12 |
| Malta | 12 | 1 | 2 | 9 | 10 | 31 | 5 |

**GRUPP D**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rep. Ċeka | 12 | 9 | 2 | 1 | 27 | 5 | 29 |
| Ġermanja | 12 | 8 | 3 | 1 | 35 | 7 | 27 |
| Irlanda | 12 | 4 | 5 | 3 | 17 | 14 | 17 |
| Slovakkja | 12 | 5 | 1 | 6 | 33 | 23 | 16 |
| Wales | 12 | 4 | 3 | 5 | 18 | 19 | 15 |
| Ċipru | 12 | 4 | 2 | 6 | 17 | 24 | 14 |
| San Marino | 12 | 0 | 0 | 12 | 2 | 57 | 0 |

**GRUPP E**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kroazja | 12 | 9 | 2 | 1 | 28 | 8 | 29 |
| Russja | 12 | 7 | 3 | 2 | 18 | 7 | 24 |
| Ingilterra | 12 | 7 | 2 | 3 | 24 | 7 | 23 |
| Iżrael | 12 | 7 | 2 | 3 | 20 | 12 | 23 |
| Maċedonja | 12 | 4 | 2 | 6 | 12 | 12 | 14 |
| Estonja | 12 | 2 | 1 | 9 | 5 | 21 | 7 |
| Andorra | 12 | 0 | 0 | 12 | 2 | 42 | 0 |

**GRUPP Ġ**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rumanija | 12 | 9 | 2 | 1 | 26 | 7 | 29 |
| Olanda | 12 | 8 | 2 | 2 | 15 | 5 | 26 |
| Bulkgarija | 12 | 7 | 4 | 1 | 18 | 7 | 25 |
| Belarus | 12 | 4 | 1 | 7 | 17 | 23 | 13 |
| Albanija | 12 | 2 | 5 | 5 | 12 | 18 | 11 |
| Slovenja | 12 | 3 | 2 | 7 | 6 | 16 | 11 |
| L'burgu | 12 | 1 | 0 | 11 | 2 | 23 | 3 |

# Statistika tal-players Maltin fil-Euro 2008

*P: Partiti; Min: Minuti; Gls: Goals; L: Logħbiet sħaħ; Sw: Sostitwit; St: Sostitut; S: Karta Safra; Ħ: Karta Ħamra*

## ĠENERALI

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Klassifika | 12 | 1 | 2 | 9 | 10 | 31 | 5 |

| Goalkeepers | P | Min | Gls | L | Sw | St | S | Ħ |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Haber Justin | 10 | 900 | -26 | 10 | 0 | 0 | - | - |
| Muscat Mario | 2 | 180 | -5 | 2 | 0 | 0 | - | - |
| **Difensuri** | **P** | **Min** | **Gls** | **L** | **Sw** | **St** | **S** | **Ħ** |
| Azzopardi Ian | 9 | 809 | 0 | 8 | 1 | 0 | 1 | - |
| Ciantar Ian | 2 | 135 | 0 | 1 | 1 | 0 | 2 | - |
| Dimech Luke | 9 | 804 | 0 | 8 | 0 | 0 | 2 | 1 |
| Mifsud Josef | 1 | 90 | 0 | 1 | 0 | 0 | - | - |
| Said Brian | 11 | 990 | 1 | 11 | 0 | 0 | 2 | - |
| Sciberras Gareth | 4 | 24 | 0 | 0 | 0 | 4 | - | - |
| Scicluna Kenneth | 7 | 585 | 0 | 6 | 1 | 0 | 1 | - |
| Wellman Stephen | 4 | 360 | 0 | 4 | 0 | 0 | 1 | - |
| **Midfielders** | **P** | **Min** | **Gls** | **L** | **Sw** | **St** | **S** | **Ħ** |
| Agius Gilbert | 8 | 701 | 0 | 5 | 3 | 0 | 1 | - |
| Bajada Roderick | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 | 1 | - | - |
| Briffa Roderick | 8 | 697 | 0 | 6 | 1 | 0 | 2 | 1 |
| Mallia George | 8 | 540 | 1 | 4 | 2 | 2 | 1 | - |
| Mattocks Claude | 1 | 65 | 0 | 0 | 1 | 0 | - | - |
| Pace Jamie | 11 | 982 | 1 | 10 | 1 | 0 | 2 | - |
| Pullicino Peter | 5 | 222 | 0 | 2 | 0 | 3 | - | - |
| Sammut Kevin | 10 | 628 | 0 | 4 | 4 | 2 | 1 | - |
| **Attakkanti** | **P** | **Min** | **Gls** | **L** | **Sw** | **St** | **S** | **Ħ** |
| Barbara Etienne | 4 | 22 | 0 | 0 | 0 | 4 | - | - |
| Bogdanovic Daniel | 4 | 125 | 0 | 0 | 1 | 3 | - | - |
| Cohen Andrew | 4 | 103 | 0 | 0 | 0 | 4 | - | - |
| Mifsud Michael | 12 | 1059 | 3 | 8 | 4 | 0 | 1 | - |
| Nwoko Udochukwu | 4 | 202 | 0 | 1 | 1 | 2 | 1 | - |
| Scerri Terence | 7 | 95 | 1 | 0 | 0 | 7 | - | - |
| Schembri Andre | 12 | 838 | 3 | 1 | 9 | 1 | 2 | 1 |
| Woods Ivan | 9 | 673 | 0 | 2 | 5 | 2 | 5 | - |

## HOME

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Klassifika | 6 | 1 | 1 | 4 | 9 | 16 | 4 |

| Goalkeepers | P | Min | Gls | L | Sw | St | S | Ħ |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Haber Justin | 6 | 540 | -16 | 6 | 0 | 0 | - | - |
| Muscat Mario | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | - | - |
| **Difensuri** | **P** | **Min** | **Gls** | **L** | **Sw** | **St** | **S** | **Ħ** |
| Azzopardi Ian | 5 | 449 | 0 | 4 | 1 | 0 | 1 | - |
| Ciantar Ian | 1 | 45 | 0 | 0 | 1 | 0 | 1 | - |
| Dimech Luke | 5 | 450 | 0 | 5 | 0 | 0 | 1 | - |
| Mifsud Josef | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | - | - |
| Said Brian | 5 | 450 | 1 | 5 | 0 | 0 | 1 | - |
| Sciberras Gareth | 1 | 8 | 0 | 0 | 0 | 1 | - | - |
| Scicluna Kenneth | 4 | 315 | 0 | 3 | 1 | 0 | 1 | - |
| Wellman Stephen | 2 | 180 | 0 | 2 | 0 | 0 | 1 | - |
| **Midfielders** | **P** | **Min** | **Gls** | **L** | **Sw** | **St** | **S** | **Ħ** |
| Agius Gilbert | 4 | 344 | 0 | 2 | 2 | 0 | 1 | - |
| Bajada Roderick | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | - | - |
| Briffa Roderick | 4 | 337 | 0 | 2 | 1 | 0 | 1 | 1 |
| Mallia George | 4 | 250 | 0 | 1 | 2 | 1 | - | - |
| Mattocks Claude | 1 | 65 | 0 | 0 | 1 | 0 | - | - |
| Pace Jamie | 6 | 540 | 1 | 6 | 0 | 0 | 2 | - |
| Pullicino Peter | 3 | 123 | 0 | 1 | 0 | 2 | - | - |
| Sammut Kevin | 4 | 272 | 0 | 3 | 0 | 1 | 1 | - |
| **Attakkanti** | **P** | **Min** | **Gls** | **L** | **Sw** | **St** | **S** | **Ħ** |
| Barbara Etienne | 2 | 7 | 0 | 0 | 0 | 2 | - | - |
| Bogdanovic Daniel | 1 | 19 | 0 | 0 | 0 | 1 | - | - |
| Cohen Andrew | 3 | 74 | 0 | 0 | 0 | 3 | - | - |
| Mifsud Michael | 6 | 539 | 3 | 5 | 1 | 0 | 1 | - |
| Nwoko Udochukwu | 2 | 88 | 0 | 0 | 1 | 1 | - | - |
| Scerri Terence | 4 | 65 | 1 | 0 | 0 | 4 | - | - |
| Schembri Andre | 6 | 434 | 3 | 1 | 4 | 0 | 2 | 1 |
| Woods Ivan | 4 | 302 | 0 | 1 | 2 | 1 | 3 | - |

## AWAY

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Klassifika | 6 | 0 | 1 | 5 | 1 | 15 | 1 |

| Goalkeepers | P | Min | Gls | L | Sw | St | S | Ħ |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Haber Justin | 4 | 360 | -10 | 4 | 0 | 0 | - | - |
| Muscat Mario | 2 | 180 | -5 | 2 | 0 | 0 | - | - |
| **Difensuri** | **P** | **Min** | **Gls** | **L** | **Sw** | **St** | **S** | **Ħ** |
| Azzopardi Ian | 4 | 360 | 0 | 4 | 0 | 0 | - | - |
| Ciantar Ian | 1 | 90 | 0 | 1 | 0 | 0 | 1 | - |
| Dimech Luke | 4 | 354 | 0 | 3 | 0 | 0 | 1 | 1 |
| Mifsud Josef | 1 | 90 | 0 | 1 | 0 | 0 | - | - |
| Said Brian | 6 | 540 | 0 | 6 | 0 | 0 | 1 | - |
| Sciberras Gareth | 3 | 16 | 0 | 0 | 0 | 3 | - | - |
| Scicluna Kenneth | 3 | 270 | 0 | 3 | 0 | 0 | - | - |
| Wellman Stephen | 2 | 180 | 0 | 2 | 0 | 0 | - | - |
| **Midfielders** | **P** | **Min** | **Gls** | **L** | **Sw** | **St** | **S** | **Ħ** |
| Agius Gilbert | 4 | 357 | 0 | 3 | 1 | 0 | - | - |
| Bajada Roderick | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 | 1 | - | - |
| Briffa Roderick | 4 | 360 | 0 | 4 | 0 | 0 | 1 | - |
| Mallia George | 4 | 290 | 1 | 3 | 0 | 1 | 1 | - |
| Mattocks Claude | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | - | - |
| Pace Jamie | 5 | 442 | 0 | 4 | 1 | 0 | - | - |
| Pullicino Peter | 2 | 99 | 0 | 1 | 0 | 1 | - | - |
| Sammut Kevin | 6 | 356 | 0 | 1 | 4 | 1 | - | - |
| **Attakkanti** | **P** | **Min** | **Gls** | **L** | **Sw** | **St** | **S** | **Ħ** |
| Barbara Etienne | 2 | 15 | 0 | 0 | 0 | 2 | - | - |
| Bogdanovic Daniel | 3 | 106 | 0 | 0 | 1 | 2 | - | - |
| Cohen Andrew | 1 | 29 | 0 | 0 | 0 | 1 | - | - |
| Mifsud Michael | 6 | 520 | 0 | 3 | 3 | 0 | - | - |
| Nwoko Udochukwu | 2 | 114 | 0 | 1 | 0 | 1 | 1 | - |
| Scerri Terence | 3 | 30 | 0 | 0 | 0 | 3 | - | - |
| Schembri Andre | 6 | 404 | 0 | 0 | 5 | 1 | - | - |
| Woods Ivan | 5 | 371 | 0 | 1 | 3 | 1 | 2 | - |

# "Li ma kienx għall-presidenti l-football f'Malta ilu li spiċċa"



Robert Arrigo - president ta' Sliema Wanderers

***Xogħol, football u politika. Kif tlaħħaq ma' kollox u liema hija l-aktar prijorità għalik?***

Inlaħħaq ma' kollox minħabba li għandi struttura organizzata f'kull qasam.

Bla dubju, l-aktar importanti għalija huwa x-xogħol u n-negozju tiegħi li bnejt 35 sena ilu. Nista' ngħid li dan huwa l-bażi tas-sostenn, tas-saħħa kif ukoll tal-kuntatti. Iżda ovvjament il-football u politika huma nfilsati fix-xogħol tiegħi minħabba li l-ġurnata tiegħi hija mqassma fuq dawn it-tliet binarji.

***Waqt il-presidenza tiegħek Sliema Wanderers rebħu bosta unuri. Issa qed taħsbu wkoll għaċ-ċelebrazzjonijiet taċ-ċentenarju. Kemm fadal spazju fil-vetrini għal aktar suċċessi?***

Jekk m'hemmx spazju fil-vetrini preżenti, allura rridu nixtru vetrina oħra. Fil-fatt hemm xi żewġ tazzi li l-anqas għandhom post fil-vetrini eżistenti u għaldaqstant tajjeb li nibdew naħsbu minn issa għar-rebħ ta' l-unuri li jmiss.

L-objjettiv tiegħi bħala president ta' Sliema Wanderers huwa li nkomplu nirbħu l-unuri biex nagħmlu lil dan il-club bħala l-aqwa f'pajjiżna.

***Kull coach igorr dwar l-infrastruttura tal-clubs. Intom kellkom post għat-taħriġ bil-possibbiltà ta' wieħed aħjar fil-futur. Kif tiddeskrivi s-sitwazzjoni f'Malta f'dan il-qasam?***

Fil-preżent, aħna qegħdin nagħmlu t-taħriġ f'bosta postijiet differenti sakemm, f'Settembru, 2009, ikollna post adekwat.

Bla dubju, l-infrastruttura hija mportanti għal kull club li jipprattika kull sport. Fil-każ tagħna, ħlejna ħafna flus minħabba nuqqas ta' nfrastruttura. Dan ma kienx tort tagħna iżda minħabba l-limitazzjoni ta' spazju.

***Ħafna presidenti jitkellmu dwar kemm il-korruzzjoni taffettwa l-football Malti. Veru li l-korruzzjoni hija l-akbar ostaklu għall-football nazzjonali u din il-problema kemm tiġi diskussa?***

Din il-problema tiġi diskussa bosta drabi. Iżda ma naħsibx li l-korruzzjoni hija l-akbar ostaklu minħabba li fil-Kampjonat Premier il-players huma mħallsin tajjeb u naħseb li l-players huma maturi biżżejjed biex jonorraw il-lealtà tagħhom lejn il-kuntratt u lejn il-club.

***Il-Premier League Standing Committee huwa l-kumitat li jiddiskuti l-Kampjonat Premier. X'inhuma l-prioritajiet fuq l-aġenda għal dan l-istaġun?***

Formalment dan il-kumitat ftit jiltaqa'. Sfortunatament il-format tiegħu mhuwiex adattat ħafna biex ikun forum ta' ħsibijiet sodi. Dan minħabba li minn dan il-kumitat ħarġu proposti kostruttivi, li iżda, qatt ma ġew diskussi flimkien ma' l-MFA.

***Taħseb li l-investiment tal-gvern ċentrali fl-isport huwa biżżejjed f'pajjiżna?***

Qatt m'hu biżżejjed. Kull gvern ċentrali jitkellem ħafna fuq l-isport iżda l-iżviluppi u l-passi li jsiru qatt ma huma kbar speċjalment meta tikkompara l-investimenti ta' pajjiżi oħra, hekk imsejħa żgħar, fosthom Ċipru u l-Lussemburgu. Ma' kull pass li nagħmlu aħna, huma jagħmlu sitta.

***Bejn salarji ta' players, staff tekniku u spejjeż oħra, kull club tal-Premier jonfoq eluf ta' liri. Minn fejn jiġu dawn il-finanzi?***

Fil-każ tagħna, tliet kwarti ta' l-introjtu tagħna jiġi minn reklamar u fondi mill-UEFA. Id-differenza, ovvjament, irrid noħroġhom jien.

***Barra minn Malta, f'pajjiżi daqs tagħna, il-clubs għandhom l-istadium u jieħdu ħsieb il-finanzi tagħhom bil-marketing u l-gate money. Meta taħseb li l-clubs Maltin se jibdew jaħsbu biex jinvestu f'dan ir-rigward?***

Mhux faċli li l-clubs Maltin ikollhom il-grounds tagħhom biex ikollhom l-introjtu. Bl-eċċezzjoni ta' Hamrun Spartans u Hibernians, il-clubs l-oħrajn għandhom biss it-training grounds u ma nistax nara li xi club jibni xi stadium.

Il-kunċett li l-clubs jilagħbu f'darhom u barra minn darhom fil-kampjonat huwa remot ħafna. Is-sistema preżenti ta' kull club hija tant fjakka li bosta huma dawk qrib falliment.

Iżda fortunatament kull club għandu dawk in-nies leali u dedikati li jsostnu l-club rispettiv b'ħidma ntensa kif ukoll b'għajnuna finanzjarja.

***Matul dan l-istaġun ingaġġajtu players ta' kwalità kbira. Kemm inti kuntent b'dak li rnexxielkom tagħmlu s'issa?***

Fallejna xi logħbiet li b'aktar attenzjoni stajna rbaħna. L-akbar telfa sorpriża kienet dik kontra Mqabba. Din it-telfa nisslet ċertu responsabbiltà u grinta fost il-players tagħna biex imbagħad irbaħna lil Valletta u Marsaxlokk rispettivament. It-telfa kontra Pieta Hotspurs ukoll ma kienitx mistennija, iżda wara din il-waqfa tistenna kull riżultat.

Naħseb li t-team għadu mhux jagħti l-massimu tiegħu minħabba li l-players il-ġodda għad iridu jintegraw aktar fl-iskwadra.

Iżda, kollox ma' kollox, inħossni kuntent bil-prestazzjonijiet s'issa u nemmen li l-players għad iridu jimmaturaw aktar b'possibbiltà kbira li nirbħu l-kampjonat.

***Floriana s'issa kienu r-rivelazzjoni ta' l-istaġun filwaqt li Valletta kienu d-diżappunt. Min taħseb li se jagħti l-akbar sfida lill-Wanderers għar-rebħ tat-titlu?***

Nemmen li l-ġlieda ewlenija se tkun kontra Valletta. Il-club Belti għamel bosta akkwisti tajbin matul is-sajf li għadda li għad irridu naraw l-aħjar forma tagħhom.

Wieħed irid jara kemm Floriana se jibqgħu jirreżistu għall-pressjoni li ġġib magħha t-tieni fażi.

***Huwa fatt li int u l-president ta' Valletta, Victor Sciriha, ma tantx għandkom relazzjoni tajba. Int president stabbilit filwaqt li Sciriha daħal fix-xena tal-football riċentament. Għaliex il-ħsieb tagħkom jimxi fuq binarji differenti?***

Fil-fatt dak li ġara bejnietna kien għaliex it-tnejn naħsbu l-istess. Imma kulħadd għandu l-mod tiegħu kif imexxi u għaldaqstant jista' jinħoloq dan id-diżgwid.

Iżda l-importanti huwa li dejjem għandna nżommu f'moħħna li l-football huwa sport li għandu jgħaqqadna u mhux ibiegħdna u jifridna minn xulxin.

***Fatt ieħor huwa li int u l-president ta' l-MFA, Dr. Joe Mifsud, ftit taqblu. Minn meta beda id-diżgwid ta' bejnietkom u x'kienet ir-raġuni?***

Li ma naqbilx ma' Dr. Joe Mifsud huwa fatt li jafu kulħadd. Ma qbiltx kif huwa ttratta lin-nies meta Malta saret membru fl-Unjoni Ewropea. Il-lum ma naqbilx kif jittratta l-football Malti wara d-dħul ta' pajjiżna fl-Unjoni Ewropea u ma nistax nifhem kif il-proposti tal-Premier League Standing Committe qatt ma taħom l-attenzjoni li tant jixraqilhom.

***Ma taqbilx biss fuq players barranin ...?***

... Il-kunċett tal-football sħiħ. Ma nistax nifhem kif Malta tibqa' lura daqshekk imqabbla mal-football fl-Ewropa. Hija ħasra meta tara l-investiment tal-presidenti Maltin komparat ma' dak ta' presidenti Ewropej. Fil-limiti tagħna noħorġu wisq aktar flus minn bwietna minħabba li l-clubs barranin għandhom is-sostenn u l-introjtu tagħhom mill-*gate-money*, minn reklamar u mill-bejgħ tal-prodotti tagħhom.

Żgur li m'aħniex stmati biex niżviluppaw lilna nfusna fl-Ewropa.

***Għaldaqstant x'taħseb li għandu jsir biex tingħata l-qabża li hemm bżonn fil-logħba domestika?***

Club bħal Sliema Wanderers, ġeneralment, jilgħab kull staġun fil-kompetizzjonijiet Ewropej.

Lgħabna kontra bosta timijiet mil-lvant li, komparati magħna, huma fqar. Iżda b'sorpriża għalina dejjem sibna aktar minn għaxar players barranin jilagħbu magħhom.

Fil-verità ma nistgħux nikkompetu magħhom u r-riżultati li t-timijiet Maltin jiksbu (jew aħjar isofru) fil-kompetizzjonijiet Ewropej ikomplu jsostnu l-argument tiegħi.

# - Robert Arrigo, President Sliema W.

## Intervista minn Björn Vassallo

Bħal kull president ieħor, l-obbjettivi tiegħi huma li f'dawn il-kompetizzjonijiet navvanzaw sakemm nistgħu u mhux niġu eliminati wara l-ewwel round preliminarju.

Mingħajr tlaqliq ngħid li m'aħniex qed insibu l-għajnuna u l-appoġġ meħtieġa mill-MFA.

*... u taqbel mal-format tal-kampjonat preżenti?*

Għal din il-mistoqsija, ir-risposta ta' Dr. Joe Mifsud kienet dejjem li l-clubs kollha jaqblu ma' dan il-format.

Il-clubs jaqblu ma' dan il-format minħabba li l-format li ppropona huwa stess kien agħar minn dan u għaldaqstant bejn l-alternattivi dan il-format kien l-aħjar soluzzjoni.

Ma naqbel qatt li l-punti miksuba fl-ewwel fażi jinqasmu bin-nofs.

Fl-opinjoni tiegħi l-aħjar format tal-kampjonat għandu jkun b'għaxar timijiet bi tliet rounds biex il-football jintlagħab kull ġimgħa. Anke x-xhur għandhom jinbidlu biex jiġu konformi ma' dawk Ewropej għax hija ċajta li l-football tagħna jibda jintlagħab fix-xahar ta' Awissu, b'logħbiet anke fis-6.00 p.m. U hija ċajta akbar li f'Ottubru u Novembru l-kampjonat tagħna jieqaf, fiż-żmien l-aktar ideali biex jintlagħab il-football.

Il-fixtures huma aktar adattati għat-team nazzjonali milli għall-kampjonat tagħna.

***Michael Mifsud huwa prodott ta' Sliema Wanderers li qed jagħmel isem fl-Ingilterra. Taħseb li għandna bżonn aktar players bħal Michael biex jgħollu l-livell tat-team nazzjonali?***

Bla dubju. U żgur li għandna bżonn players bħal Michael biex jgħollu l-livell tat-team nazzjonali. Iżda l-logħba Maltija ma tistax tipproduċi dawn it-tip ta' players għal raġunijiet ovvji.

Michael huwa eċċezzjoni għax huwa don naturali. Però nemmen li nistgħu ngħinu biex il-logħba Maltija tipproduċi players ta' livell għoli. Iżda biex nagħmlu hekk hemm bżonn ta' bini ta' strutturi ġodda għax inkella nerġgħu nibdew ngħidu l-istess ħaġa.

Nemmen li l-gvern ċentrali, l-MFA u l-clubs għandhom jaħdmu flimkien biex eventwalment ikollna struttura tajba għall-iżvilupp ta' players żgħażagħ tajbin.

***Dan ifisser li kieku l-presidenti tal-clubs m'għandhomx dik il-passjoni għall-football, il-logħba domestika tista' tkun f'livell u stat aktar medjokri?***

Li kieku ma kienx għall-presidenti li għandhom il-passjoni lejn il-logħba Maltija, kieku l-football f'Malta ilu li spiċċa.

Għalhekk nisħaq li l-MFA għandha tirrispetta lilna l-clubs minħabba li aħna nipproduċu u nindokraw lill-players biex eventwalment jilagħbu fit-team nazzjonali. Għax x'tiswa l-MFA mingħajr ma jkollha t-team nazzjonali tagħha? U l-players tat-team nazzjonali minn fejn jiġu magħżula?

## Sliema Wanderers F.C.

**Twaqqif:**
Settembru 1908 minn Henry J. Miller u Mr. Portelli.
**Laqam:** Wanderers
**L-ewwel logħba tal-kampjonat:**
20-02-1910: vs Floriana 0-1 (abbandunata)
**Rebħ tal-kampjonati:** 26
1919-20: 1922-23; 1923-24; 1925-26; 1929-30; 1932-33; 1933-34; 1935-36; 1937-38; 1938-39; 1939-40; 1948-49; 1953-54; 1955-56; 1956-57; 1963-64; 1964-65; 1965-66; 1970-71; 1971-72; 1975-76; 1988-89; 1995-96; 2002-03; 2003-04; 2004-05.
**L-Ewwel Diviżjoni:** 1
1983-84
**FA Trophy:** 19
1934-35; 1935-36; 1936-37; 1939-40; 1945-46; 1947-48; 1950-51; 1951-52; 1955-56; 1958-59; 1962-63; 1964-65; 1967-68; 1968-69; 1973-74; 1978-79; 1989-90; 1999-00; 2003-04.
**Bona International Tournament:** 1
1936-37.
**Cousis Shield:** 4
1917-18; 1919-20; 1923-24; 1925-26.
**MFA Cup:** 1
1931-32
**Cassar Cup:** 11
1923-24; 1924-25; 1933-34; 1934-35; 1937-38; 1938-39; 1945-46; 1955-56; 1956-57; 1959-60; 1966-67.
**Scicluna Cup:** 10
1949-50; 1950-51; 1953-54; 1954-55; 1955-56; 1956-57; 1957-58; 1958-59 (ma' Floriana FC); 1959-60; 1965-66.
**MPFA Shield:** 1
1954-55
**Christmas Cup:** 3
1966-67; 1967-68; 1970-71.
**Testaferrata Cup:** 2
1964-65; 1974-75
**Independence Cup:** 5
1964-65; 1969-70; 1971-72; 1973-74; 1981-82
**Sons of Malta Cup:** 2
1972-73; 1979-80.
**Euro Cup:** 3
1982-83; 1987-88 (ma' Valletta FC); 1990-91.
**Lowenbrau Cup:** 3
1999-00; 2001-02; 2002-03.
**Euro Challenge Cup:** 2
2004-05; 2005-06.
**Super Five Tournament:** 3
1990-91; 2001-02; 2003-04.
**Empire Sports Ground Cup:** 1
1923-24
**MFA League:** 1
1965-66
**l-Aqwa Skorers tal-Kampjonat:** 29 players
1921-22: Frankie Busuttil - 4 goals
1923-24: Frankie Busuttil, Eddie Conti u Ġanni Azzopardi - 2 goals
1925-26: Ġużi Pisani - 7 goals
1931-32: Salvu Sammut - 6 goals
1933-34: Fredu Brincat - 2 goals
1937-38: Tony Nicholl - 6 goals
1938-39: Tony Nicholl - 8 goals
1939-40: Tony Nicholl - 18 goals
1944-45: Tony Nicholl - 6 goals
1945-46: Tony Nicholl - 22 goals
1953-54: Tony Nicholl - 12 goals
1955-56: Sammy Nicholl - 15 goals
1956-57: Sammy Nicholl - 14 goals
1964-65: Joe Cini - 12 goals
1965-66: John Bonnet & Ronnie Cocks - 6 goals
1967-68: Joe Cini - 10 goals
1969-70: Joe Cini & Ronnie Cocks - 7 goals
1973-74: Toninu Camilleri - 9 goals
1975-76: Ritchie Aquilina - 9 goals
1979-80: Leli Fabri - 15 goals
1994-95: Carl Saunders - 18 goals
1995-96: Aldrin Muscat - 18 goals
1999-00: Michael Mifsud - 21 goals
2000-01: Michael Mifsud - 30 goals
2001-02: Danilo Doncic - 32 goals
2002-03: Danilo Doncic - 18 goals
2003-04: Danilo Doncic - 19 goals
**Footballer of the Year:** 11
1955-56: Tony Nicholl
1956-57: Ġużi Bonnici
1965-66: Ronnie Cocks
1969-70: Joe Cini
1971-72: Edward Darmanin
1980-81: Leli Fabri
1987-88: John Buttigieg
1995-96: Noel Turner
1999-00: Ernest Barry
2002-03: Noel Turner
2003-04: Stefan Giglio



**L-aqwa skorer tal-club Slimiż:**
Tony Nicholl 173 goals
**Player bl-aktar dehriet fil-kampjonat:**
Noel Turner 293 partita
**Sliema Wdrs fil-kompetizzjonijiet Ewropej:**
**Champions Cup:**
1965-66: Panathinaikos (Greece) 1-4 1-0
1966-67: CSKA Sofia (Bulgaria) 1-2 0-4
1971-72: Akranes (Iceland) 4-0 0-0
Celtic (Scotland) 0-5 1-2
1972-73: Gornik Zabrze (Poland) 0-5 0-5
1976-77: Turun Palloseura (Finland) 2-1 0-1
1989-90: Nentori (Albania) 1-0 0-5
2003-04: Skonto Riga (Latvia) 2-0 1-3
FC Copenhagen (Denmark) 0-6 1-4
2004-05: FBK Kaunas (Lithuania) 0-2 1-4
2005-06: Sheriff Tiraspol (Moldova) 1-4 0-2
**Cup Winners' Cup:**
1963-64: Borough United (Wales) 0-0 0-2
1968-69: Rumelange (Luxembourg) 1-2 1-0
Randers Freja (Denmark) 0-6 0-2
1969-70: Norkopping (Sweden) 1-5 1-0
1974-75: Lahden Reipas (Finland) 2-0 1-4
1979-80: Boavista (Portugal) 2-1 0-8
1982-83: Swansea City (Wales) 0-12 0-5
1987-88: Vlaznia Shkoder (Albania) 0-2 0-4
1990-91: Dukla Prague (Czechoslovakia) 1-2 0-2
1993-94. Dagerfors (Sweden) 1-3 0-3
**UEFA Cup:**
1970-71: AB Copenhagen (Denmark) 0-7 2-3
1973-74: Lokomtiv Plovdiv (Bulgaria) 0-2 0-1
1975-76: Sporting Lisbon (Portugal) 1-2 1-3
1977-78: Eintracht Frankfurt (West Germ.) 0-5 0-0
1980-81:Barcelona (Spain) 0-2 0-1
1981-82: Aris Solinika (Greece) 0-4 2-4
1988-89: Vitoria Bucharest (Romania) 0-2 1-6
1995-96: Omonia Nicosia (Cyprus) 1-2 0-3
1996-97: Margveti Zestaphoni (Georgia) 1-3 3-0
BK Odense (Denmark) 0-2 1-7
1999-00: FC Zurich (Switzerland) 0-3 0-1
2000-01: Partizan Belgrade (Yugoslavia) 2-1 1-4
2001-02: Matador Puchov (Slovackia) 0-3 2-1
2002-03: Polnia Warsaw (Polonia) 0-3 0-2
2007-08: Litex Lovech (Bulgaria) 0-4 0-3
**Intertoto Cup:**
1997-98: Diosgyoer (Hungary) 0-2 2-3



Ray 'Żażu' Farrugia - coach ta' Sliema Wanderers

# "Il-players tas-snin sebgħin aktar tekniċi minn dawk tal-

## - Ray Farrugia, coach ta' Sliema

***Inti ġejt Malta minn ambjent professjonali. Kemm tagħmel differenza lill-coach u lill-player li jieħu esperjenza ta' din it-tip?***

Hija esperjenza enormi. Jien għamilt 12-il sena nilgħab fil-football Awstraljan, b'disgħa minnhom fuq bażi ta' full-time.

Bla dubju, f'dak il-perijodu jien tgħallimt ħafna. Fuq kollox tgħallimt li nkun dixxiplinat.

***Meta rritornajt Malta ma kinetx faċli li ssib team. Għaliex għażilt lil Naxxar Lions?***

Meta rritornajt Malta kont għadni player ta' Floriana. Kien avviċinani, il-president ta' Naxxar Lions, Michael Zammit Tabona, fejn wasalna fi ftehim li titħallas somma għat-trasferiment. Dak in-nhar kelli 34 sena.

Il-pjan tiegħi kien li nieqaf mill-karriera wara sena. Iżda mbagħad domt nilgħab sakemm kelli 42 sena u tliet xhur, infatti, l-aħħar logħba tiegħi kienet kontra Hibernians.

***Ħajtek kienet dejjem football. Niftakruk tilgħab ma' Floriana u mbagħad ma' Melita Eagles, fl-Awstralja. Int ukoll ikkowċjajt għal diversi snin fejn kont ukoll fis-settur tekniku ta' l-MFA u issa Sliema Wanderers. Liema huwa l-obbjettiv ewlieni li jmiss?***

Diffiċli biex ngħid f'dan il-mument. Iżda nista' ngħid li ma' Sliema Wanderers ninsab kuntent u għandi relazzjoni tajba mal-president tal-club, is-Sur Robert Arrigo.

Il-ħajja hija mimlija sorpriżi u ħadd ma jista' jbassar il-futur.

Fil-football ma tantx fadalli ambizzjonijiet x'nilħaq. Riċentement kelli waħda - dik li xi darba ningħata l-kariga biex immexxi t-team nazzjonali Malti. Iżda issa konxju li din l-ambizzjoni hija waħda remota għall-aħħar.

Għaldaqstant irrid nikkonċentra fil-club Slimiż biex flimkien inkomplu nibnu fuq dak li diġà għandna.

***Dan l-istaġun jidher li se jkun hemm taqtiegħa għar-rebħ tat-titlu kif ukoll għar-relegazzjoni. Kemm taħseb li Sliema Wanderers huma ppreparati biex jaffrontaw is-sitt xhur li ġejjin?***

Nemmen li għandna skwadra tajba. L-akkwisti li għamilna matul is-sajf li għadda bdew jissetiljaw fl-ambjent Slimiż.

Iżda rrid ngħid ukoll li clubs oħrajn għamlu akkwisti tajbin, fosthom Birkirkara u Valletta. Forsi d-differenza hija li aħna ffirmajna magħna players ta' kwalità u esperjenza kbira.

Bħal kull club ieħor l-obbjettiv tagħna huwa li nirbħu l-kampjonat. Huwa fatt li fadal sitt xhur oħra biex jintemm il-kampjonat iżda aħna rridu nimxu pass wara ieħor u dejjem nikkonċentraw fuq kull partita li jkun imiss.

***Fit-team għandek bosta players ta' kwalità u ndividwalisti. Kemm jgħinek dan meta l-affarijiet fil-ground ma jkunux sejrin daqstant kif mixtieqa?***

Importanti li fit-team kull coach ikollu players individwalisti u ta' kwalità kbira. Nemmen li players ta' dan it-tip jistgħu jbiddlu l-andament tal-logħba bil-konsegwenza ta' riżultat pożittiv.

***Int coach li tħobb li jkollok il-players motivati fl-iskwadra. Għaliex taħseb li l-attitudni lejn il-logħba għandha tkun f'dan is-sens?***

Jekk fil-ħajja il-bniedem ma jkollux motivazzjoni żgur li ma jasal imkien. Fil-football hija l-istess ħaġa. Anzi, kull player għandu jkollu wkoll l-attitudni pożittiva u dixxiplina li flimkien iwasslu lill-iskwadra għar-rebħ tat-titlu. Jiena u l-assistent tiegħi, Ronald Vella naħdmu bis-sħiħ sabiex il-players tagħna jifhmu dan kollu. Ronald Vella jgħini ħafna u minn hawn nixtieq nirringrazzjah tax-xogħol siewi li jagħmel.

***Taħt Lolly Borg int iddebuttajt ma' Floriana fil-kampjonat, nhar il-15 ta' Diċembru, 1973, fit-telfa ta' 1-0 kontra Hibernians. Kemm inbidel il-football f'pajjiżna minn żmien iż-"Żażu", Willie Vassallo, Louis Arpa u Raymond Xuereb?***

Nemmen li dak it-team ta' Floriana, li miegħu bdejt nilgħab jien, kien wieħed mill-aqwa timijiet li qatt lagħab fil-kampjonat Malti.

Kien team kompost minn fost l-aqwa elementi bħal Edwin Farrugia, George Ciantar, John Holland, l-aħwa Frankie u Powic Micallef, l-aħwa Ray u George Xuereb, Anton Camillieri, Willie Vassallo, Louis Arpa, Salvu Bonello, Charlie Grech u oħrajn. Biżżejjed ngħid li fl-istaġun sussegwenti waqqafna xejn inqas minn seba' rekords assoluti fil-logħba domestika. Fil-perijodu li domt nilgħab ma' Floriana rbaħt 11-il unur fiż-żmien meta t-timijiet l-oħra kienu armati sa snienhom. Dawk huma żminijiet li jibqgħu marbutin ma' qalbi.

Forsi d-differenza fil-logħba tal-football hija li aħna konna nilagħbu fuq ir-ramel filwaqt li preżentament il-football qed jintlagħab fuq il-ħaxix. Iżda l-players tas-snin sebgħin kienu aktar tekniċi minn dawk tal-lum.

***Logħba li l-Furjaniżi jibqgħu jiftakru hija dik mit-Tazza tat-Tazzi, kontra Panathinaikos, fl-1977, (1-1). Illum, 30 sena wara diffiċli li nġibu riżultati pożittivi fil-kompetizzjonijiet Ewropej. Għaliex dan?***

Nemmen li dan qed iseħħ minħabba nuqqas tajjeb ta' preparazzjoni. Naħseb li dawk it-timijiet li jilagħbu fil-kompetizzjonijiet Ewropej, kontra avversarji diffiċli, għandhom jagħmlu l-pre-season tagħhom barra minn xtutna.

Dan iservi biex il-players ikunu kollha flimkien u jkunu jafu lil xulxin aktar mill-qrib. Minbarra affarijiet oħra dan jgħin mil-lat psikoloġiku.

Huwa fatt reali li f'pajjiżna ma tantx hawn fejn skwadra tista' tagħmel il-pre-season tagħha. Barra minn hekk, is-sħana qawwija ta' Ġunju u Lulju xejn ma tgħin din il-kawża.

Għaldaqstant nemmen li l-preparamenti tal-kompetizzjonijiet Ewropej għandhom isiru barra minn xtutna.

***Servejt fil-kariga ta' coach ma' Marsaxlokk u issa ma' Sliema Wanderers li huma meqjusa bħala clubs kbar. X'inhuma d-diffikultajiet li tiltaqa' magħhom f'dan il-livell?***

Meta ingħatajt il-kariga ta' Marsaxlokk, dawn kienu fit-tielet pożizzjoni mill-aħħar, fil-bidu tat-tieni round.

Il-fatt li eventwalment spiċċajna fl-Ewropa jagħtini sodisfazzjon kbir. Iżda sibt bosta diffikultajiet matul il-perijodu tiegħi mal-club Xlukkajr. L-aktar waħda kienet li ma kellniex post adekwat fejn nagħmlu t-taħriġ. L-istess illum. It-taħriġ ta' Sliema Wanderers isir f'nofs ground fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi, naqsmuh ma' Birkirkara u xi kultant l-ispazju jkun aktar limitat minħabba li jkun hemm xi team ieħor tal-Premier li jkun qed jagħmel it-taħriġ tiegħu ukoll.

# kienu
# -lum"
# w.






***Int għandek skola tal-football speċjalizzata. Dan għaliex int temmen li l-investiment għandu jsir fit-tfal?***

Iva. Jien nemmen li l-investiment għandu jsir fit-tfal minħabba li huma l-players ta' għada.

L-iskola tiegħi, "Żażu Football School", hija l-aktar oġġett li ngħożż li qed naraha tikber għall-futur minħabba li qed jikber l-interess fost dawn it-tfal u l-ġenituri.

Irrid nisħaq li kull tifel li jattendi f'din l-iskola għandu jsir player iżda mportanti li t-tagħlim għandu jkun fuq bażi ta' rikreazzjoni kif ukoll fit-tiswir tal-karattru tagħhom.

***Kont ukoll coach tat-team nazzjonali ta' Taħt il-21 sena. Kont qed tibni skwadra tajba għall-futur fejn irnexxielek ukoll takkwista riżultati tajbin bi prestazzjonijiet pożittivi. Iżda minflok ma ġejt konfermat biex tibqa' f'din it-tmexxija, intemmlek il-kuntratt ħesrem. Għaliex ġara hekk?***

Ikkowċjajt lit-tim nazzjonali ta' Taħt il-21 sena għal erba' snin. Inħoss li għamilt bosta affarijiet sodisfaċenti.

Kont ġejt offrut kuntratt ieħor ta' sentejn mill-MFA. Iżda jien ħassejt li kelli ningħata ċ-ċans biex immexxi l-ewwel skwadra minħabba li urejt il-kredenzjali tiegħi fit-team ta' Taħt il-21 sena.

L-anqas biss ġejt ikkunsidrat u għaldaqstant ma aċċettajtx il-kuntratt il-ġdid biex inkompli naħdem fit-team ta' Taħt il-21 sena.

Ma rridx niġi miftiehem ħażin. Ma spiċċajtx bi ġlied jew b'xi tilwima. Sempliċiment iddeċidejt li ma naċċettax l-offerta ta' l-assoċjazzjoni Maltija b'konsegwenza ll ingħaqadt ma' Pletà Hotspurs.

***Nirritornaw għall-Sliema Wanderers. Meta sibtu l-kontinwità tagħkom waqaf il-kampjonat. Kemm taffettwa din il-waqfa?***

Taffettwa ħafna. Sibna r-ritmu ta' logħob kif ukoll il-konsistenza. Se nkunu ilna 35 ġurnata weqfin. Barra minn hekk kellna sitt players mat-team nazzjonali, tnejn ma' dak ta' Taħt il-21 sena tlieta ma' dak ta' Taħt id-19-il sena.

Dan ifisser li l-problemi komplew jikbru minħabba li tliet kwarti ta' l-iskwadra ma kinetx għad-dispożizzjoni tiegħi għat-taħriġ.

***Tidher li din is-sena l-isfida għar-rebħ tat-titlu se tkun waħda missielta. Liema taħseb se jkunu dawk it-timijiet li se jkunu f'din it-tiġrija?***

Naqbel miegħek li din is-sena se tkun sfida missielta minħabba li l-clubs huma armati u preparati tajjeb. Jekk forsi clubs bħal Hamrun Spartans u Floriana ma kienux daqstant ikkwotati qabel il-bidu ta' l-istaġun, dawn iż-żewġ timijiet urew mod ieħor għal raġunijiet ovvji.

Valletta għamlu bosta akkwisti u ninsab ċert li sat-tieni fażi jilħqu jissetiljaw. Inqis lil Birkirkara, Hibernians u Marsaxlokk huma wkoll sfidanti denji minkejja li dawn ta' l-aħħar tilfu tliet players importanti, Daniel Bogdanovic, Luke Dimech u Andre Schembri, li lkoll marru jilagħbu barra minn xtutna.

## Formazzjoni tipika dan l-istaġun

1. Murphy Akanji
2. Alex Muscat
3. Ian Azzopardi
4. Brian Said
5. Sharlon Pace
6. Roderick Briffa
7. Nesko Milovanovic
8. Roderick Bajada
9. Aleksandar Madzar
10. Ivan Woods
11. Etienne Barbara



Ray Farrugia jidher kokka, it-tieni mix-xellug qabel il-logħba kontra Panathinaikos, fl-1977



Omar Borg (Birkirkara) ma jieħux il-ballun, b'Josef Mifsud jiskorja l-goal tar-rebħa

# Valletta jirritornaw għar-rebħ



Frank Temile (Valletta) u Shaun Bajada (Birkirkara) fi dwell f'nofs il-ground

**Birkirkara..... 0 Valletta..... 1**

Valletta rritornaw għar-rebħ meta għelbu lil Birkirkara bl-iskor ta' 1-0 f'logħba diffiċli li baqgħet inċerta sa l-aħħar.

Il-bidu ta' din il-partita kienet wieħed kwiet fejn iż-żewġ timijiet bdew jistudjaw lil xulxin u rari kien hemm xi attakki fuq il-lasti rispettivi.

Iżda hekk kif Valletta fetħu l-iskor, l-andament tal-partita nbidel fejn il-Karkariżi xeħtu kollox fuq l-offensiva biex jippruvaw jiksbu l-goal tad-draw.

Matul l-ewwel taqsima ma tantx irnexxielhom jagħmlu dan minħabba li l-Beltin għarfu kif jikkontrollaw kull sitwazzjoni u saħansitra kellhom il-mumenti tagħhom fejn għalihom spikka l-attakkant, Frank Temile, li għalkemm kien qed jagħmel it-tielet dehra tiegħu għal-Lilywhites jidher li ntegra sew fit-team.

Iżda fit-tieni taqsima, l-Istripes kienu l-aħjar team fejn resqu viċin li jiksbu d-draw f'bosta okkażjonijiet iżda d-difiża Beltija baqgħet tirreżisti sat-tmiem.

Wieħed irid jgħid ukoll li l-Beltin ħassew in-nuqqas tal-midfielder, Gilbert Agius, li għadu qed jirkupra minn injury li sofra nhar is-26 ta' Settembru li għadda, fir-rebħa ta' 3-1 fuq Mqabba.

**L-AĦJAR AZZJONIJIET**

17 min (0-1) - Minn azzjoni ta' corner, Stefan Giglio bidel il-ballun ma' Frank Temile qabel ma dendel cross insidjuż fil-kaxxa avversarja li minnu Josef Mifsud approfitta mill-ħarġa ħażina tal-goalkeeper, Omar Borg, u bir-ras xeħet il-ballun fix-xibka.

51 min - Birkirkara kienu sfortunati li ma kisbux il-goal tad-draw meta mill-corner ta' Alan Tabone, id-daqqa ta' ras ta' Ronni Hartvig ħabtet mal-mimduda bil-ballun jispiċċa barra.



Stefan Giglio (Valletta) jilħaq qabel Shaun Bajada (Birkirkara)

**Loghba Nru 40**
**24.11.2007**
**16.00 hrs**
**Stadium Nazzjonali**

**Birkirkara .......0**

**Valletta ...........1**

**Birkirkara** - Omar Borg, Lino Galea, Paul Fenech, Jean Pierre Mifsud Triganza, Alan Tabone, Ronni Hartvig, Lee Lombar-di (Roderick Sammut 68), Shaun Bajada (Joseph Zerafa 73), George Mallia, Adrian Ciantar (Martin Anastasi 46), Emil Yantchev – *Coach* – John Buttigieg

**Valletta** – Andrew Hogg, Justin Grioli, Josef Mifsud, Kenneth Scicluna, Steve Bezzina (Rennie Forace 84), Dyson Falzon (Ian Zammit 77), David Camilleri, Heiner Backhaus, Frank Temi-le, Stefan Giglio (Keith Fenech 67), Sebastian Monesterolo – *Coach* - Paul Zammit

**Referee** – Chris Lautier

**Assistenti** – Philip Agius, Joe Camilleri

**Raba' Uff.** – Paul Caruana

**Skorer** - J. Mifsud 17

**Ammoniti** – E. Yantchev (B); A. Hogg, J. Mifsud, H. Backhaus, S. Monesterolo, I. Zammit (V)






Ryan Fenech (Hamrun S.) segwit minn Zoran Levnajic (Floriana) u bir-referee Clayton Pisani jsegwi l-azzjoni

# Floriana jsalvaw punt

## Floriana..... 1 Hamrun Spartans..... 1

Goal skurjat fil-81 minuta mis-sostitut Ryan Darmanin salva punt għal Floriana fi draw ta' 1-1 kontra Hamrun Spartans.

Dawn ta' l-aħħar ġew ikkasti-gati għall-bosta ċansijiet mitlufa fejn setgħu għalqu l-partita fl-ew-wel taqsima. B'hekk l-Ispartans tilfu ċ-ċans li jitilgħu waħedhom fit-tielet post tal-klassifika.

Min-naħa tagħhom Floriana dehru 'l bogħod mill-forma solita tagħhom fejn deher evidenti li l-waqfa ta' ħames ġimgħat tal-kampjonat affettwat il-kontinwità tagħhom.

**L-AĦJAR AZZJONIJIET**

21 min (0-1) - Alfred Effiong fetaħ l-iskor għal Hamrun Spar-tans meta mill-freekick ta' Evano Briffa, għeleb lill-goalkeeper Furjaniż, Simon Agius, b'daqqa ta' ras.

81 min (1-1) - Floriana kisbu d-draw meta mill-cross ta' Trevor Cilia, Ryan Darmanin niżżel bir-ras għal ġox-xibka bil-ballun jaħbat ma' sieq il-lasti qabel jispiċċa ġewwa.

**Loghba Nru 39**
**24.11.2007**
**14.00 hrs**
**Stadium Nazzjonali**

**Floriana ..................1**

**Hamrun Spartans ...1**

**Floriana** - Simon Agius, Mano Micallef (Clifton Ciantar 46), Julian Briffa (Trevor Cilia 68), Darko Krsteski, Duncan Pisani, Mauro Brincat, Christian Cassar, Zoran Levnajic, Yala Bolasic, Christian Caruana, Adrian Mifsud (Ryan Darmanin 63) – *Coach* – Danilo Doncic

**Hamrun S.** – Michael Falzon, Precious Monye, Aaron Attard (Mark Anthony Bonnici 88), Evano Briffa (Kevin Borg 56), Roderick Fenech, Steve Meilak, Ryan Fenech, Stefan Sultana, Rupert Mangion, Bratislav Timotic (John Debattista 46), Alfred Effiong – Coach - Marco Gerada

**Referee** – Clayton Pisani

**Assistenti** – Konrad Borg, Ingmar Spiteri

**Raba' Uff.** - Alan Mario Sant

**Skorers** – A. Effiong 21 (HS), R. Darmanin 81 (F)

**Ammoniti** – J. Briffa, M. Brincat, C. Cassar (F), P. Monye, A. Attard, E. Briffa, Rod. Fenech (HS)



Murphy Akanji (Sliema W.) isalva minn freekick ta' Svetlan Kondev (Pietà H.)

# Sorpriża minn Pietà H.

**Pietà Hotspurs..... 1 Sliema Wanderers..... 0**

Kontra kull mistenni Pietà Hotspurs għelbu lil Sliema Wanderers bl-iskor ta' 1-0 biex dawn ta' l-aħħar sofrew it-tielet telfa tal-kampjonat. Forsi fuq il-karta l-Wanderers kienu favoriti li jirbħu dan il-konfront iżda fil-verità l-Hotspurs ma serqu xejn.
Anzi kien jimmeritahom li jirbħu dan il-konfront minħabba li wrew spirtu kumbattiv u determinazzjoni, tant, li fl-ebda ħin ma dehru nferjuri għal dak it-team li huwa meqjus minn fost l-isfidanti ewlenin għar-rebħ tat-titlu.

B'din ir-rebħa, issa Pietà tbiegħdu xi ftit miż-żona l-ħamra b'possibbiltà kbira li jistgħu jsalvaw mir-relegazzjoni.

## L-AĦJAR AZZJONI

53 min (1-0) – Pietà Hotspurs skurjaw l-uniku goal tal-partita meta mill-corner ta' Svetlan Kondev, Domnic Mifsud xeħet cross perikoluż fil-kaxxa avversarja fejn Peicho Deliminkov kien pront u spara l-ballun għal ġewwa.



Ivan Woods (Sliema W.) u Svetlan Kondev (Pieta H.) f'taqtiegħa għall-ballun

BOV Premier League
BOV Bank of Valletta
your Success, our Goal



Carmel Busuttil jagħti struzzjonijiet lill-players tiegħu



Ray Farrugia u Ronald Vella waqt il-logħba kontra Pietà H.

**Loghba Nru 42**
**25.11.2007**
**14.45 hrs**
**Corradino Stadium**

**Pietà Hotspurs ............1**
**Sliema Wanderers .........0**

**Pietà H.** - Mark Vella, Peycho Deliminkov, Quilin Refalo, Carl Pulo (Melchior Vella 74), Carl Sammut, Svetlan Kondev, Glanville Goodlip (Bernard Sciberras 89), Domnic Mifsud, Edward Herrera (Silvan Ciscaldi 50), Ryan Camilleri, Rumen Galabov
– Coach – Carmel Busuttil

**Sliema W.** – Murphy Akanji, Alex Muscat, Ian Azzopardi, Brian Said, Nesko Milovanovic (Orosco Anonam 54), Roderick Bajada, Matthew Bartolo, Ivan Woods (Roderick Bajada 58), Aleksander Madzar, Sharlon Pace, Etienne Barbara
– Coach - Ray Farrugia

**Referee** – Kevin Azzopardi
**Assistenti** – Edward Spiteri, Alan Camilleri
**Raba' Uff.** - Saviour Tanti
**Skorers** – P. Deliminkov 53 (PH)
**Ammoniti** – Q. Refalo (P); I. Woods (SW)


Etienne Barbara (Sliema W.) fl-azzjoni bil-ballun

# Msida S.J. jirbħu f'logħba li offriet spettaklu

**Msida St. Joseph... 4 Mqabba ..................... 3**


Azzjoni mill-logħba bejn Msida St. Joseph u Mqabba

Msida St. Joseph kisbu tliet punti mportanti f'logħba li offriet spettaklu meta għelbu lil Mqabba bl-iskor ta' 4-3 biex dawn ta' l-aħħar baqgħu ankrati f'qiegħ il-klassfika.
Forsi kien riżultat kattiv ma' Mqabba minħabba li matul il-logħba kollha taw daqskemm qalgħu u f'bosta mumenti lagħbu futbol intelliġenti u maħsub.
Wieħed jista' jgħid ukoll li din kienet l-isbaħ partita sa issa tal-kampjonat.
Għal Msida ddebuttaw żewġ plejers Brażiljani, Gilberto Dos Santos u Pedro Dos Santos Calcado, b'ta' l-ewwel huwa attakkant fiżikament b'saħħtu waqt li l-ieħor huwa player mill-aktar tekniku u għalkemm intwera l-karta ħamra fil-ħin miżjud xorta waħda spiċċa bħala l-eroj ta' sħabu.

## L-AĦJAR AZZJONIJIET

21 min (1-0) – Priso Doding fetaħ l-iskor għal Msida St. Joseph wara li qabeż tliet difensuri u bidel il-ballun ma' Gilberto Dos Santos biex antiċipa l-ħarġa tal-goalkeeper ta' Mqabba, Kris Calleja, billi dar miegħu u xeħet f'xibka vojta.

23 min (1-1) – Mqabba kisbu d-draw bi ġmiel ta' freekick ta' Claudio Calleja.

47 min (1-2) – Mqabba marru fil-vantaġġ meta f'kontrattakk veloċi, Marlon Briffa għadda lil Marcelo Pereira li mill-viċin ma falliex.

66 min (2-2) – Kienu Msida li kisbu d-draw meta mill-corner ta' Adrian Farrugia, Patrick Borg għola fuq kulħadd u b'daqqa ta' ras stupenda xeħet fix-xibka.

69 min (3-2) – Id-debuttant Pedro Dos Santos Calcado xeħet lis-Saints fil-vantaġġ b'xutt minn 30 metru bogħob bil-ballun jaħbat mal-wieqfa qabel jispicca fix-xibka.

75 min (3-3) – Italo Nogueira deher li salva r-riżultat għal Mqabba meta kompla għal ġewwa l-freekick ta' Albert Busuttil.

90 min (4-3) - Pedro Dos Santos Calcado skorja l-goal tar-rebħa b'xutt qawwi minn tarf il-kaxxa.

94 min - Pedro Dos Santos Calcado ntwera l-karta l-ħamra għat-tieni ammonizzjoni

**Logħba Nru 41**
**25.11.2007**
**12.45 hrs**
**Corradino Stadium**

**Msida St. Joseph .......4**
**Mqabba ..................3**

**Msida SJ** - Manuel Bartolo, Pio Scriha, Stefano Grima, Patrick Borg (Stacey Vella 79), Tyrone Farrugia, Dino Cachia, Adrian Farrugia (Roderick Baldacchino 93), Andrew Spiteri, Priso Doding, Gilberto Dos Santos, Pedro Dos Santos Calcado
– *Coach* – Patrick Curmi

**Mqabba** – Kris Calleja, Albert Busuttil, Italo Donizete Nogueira, Marlon Briffa (Edric Borg 79), Fabio Silva (John Mintoff 92), Marcelo Pereira, Claudio Calleja, John Paul Muscat, Clifford Gatt Baldacchino (Joseph Fenech 95), Lee Galea, Dylan Zarb
– *Coach* - Joe Falzon

**Referee** – Joe Attard
**Assistenti** – Ingmar Spiteri, Malcolm Mercieca
**Raba' Uff.** – Marco Borg
**Skorers** - P. Doding 21, P. Borg 66, P. Dos Santos Calcado 69, 90 (MSJ); C. Calleja 23, M. Pereira 47, I. Nogueira 75 (M)
**Ammoniti** – . Dos Santos Calcado (MSJ); C. Calleja, M. Pereira (M)
**Tkeċċa** – P. Dos Santos Calcado 94 (MSJ)



Marcelo Pereira (Mqabba)

## L-aqwa skorers

119 goals – 68 skorers

6 – Marcelo Pereira (Mqabba)

5 – Terence Scerri (Hibernians); Etienne Barbara (Sliema W.).

4 – Gaetan Spiteri (Hamrun S.); Edward Herrera (Pietà H.); Ian Zammit (Valletta).

3 – Michael Galea, Ronni Hartvig (Birkirkara); Christian Caruana, Ryan Darmanin, Adrian Mifsud (Floriana); Andrew Cohen (Hibernians); Martin Deanov (Pietà H.); Aleksandar Madzar (Sliema W.); Omar Sebastian Monesterlo (Valletta).

2 – Mauro Brincat, Darko Krsteksi, Manolito Micallef (Floriana); Julio Alcorse (Hibernians); Cleavon Frendo, Wendell Gomes (Marsaxlokk); Pedro Dos Santos Calcado, Njongo Priso (Msida SJ); Peicho Deliminkov, Svetlan Kondev (Pietà H.); Brian Said (Sliema W.).

1 – Shaun Bajada, Alan Tabone, Marceline Tamboulas, Emil Yantchev (Birkirkara); Yala Bolasie, Mario Caruana, Emanuel Sevasta (Floriana); Evano Briffa, Alfred Effiong, Ryan Fenech, Rupert Mangion, Stefan Sultana (Hamrun S.); Edmond Agius, Pablo Doffo (Hibernians); Mark Barbara, Andre Rocha Da Silva, Malcolm Licari, Peter Pullicino, Kevin Sammut, Trevor Templeman (Marsaxlokk); Claudio Calleja, Clifford Gatt Baldacchino, Fabio Silva (Mqabba); Roderick Baldacchino, Patrick Borg, Glenn Magri, Italo Nogueira, Goerge Ogbonna (Msida SJ); Rumen Galabov, Glanville Goodlip, Quilin Refalo (Pietà H.); Roderick Bajada, Roderick Briffa, Nesko Milovanovic, Alex Muscat, Ivan Woods (Sliema W.); Gilbert Agius, Jonathan Bondin, Stefan Giglio, Claude Mattocks, Josef Mifsud (Valletta)

## Klassifika

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Floriana | 8 | 5 | 2 | 1 | 18 | 9 | 17 |
| Sliema W. | 9 | 5 | 1 | 3 | 15 | 10 | 16 |
| Marsaxlokk | 8 | 4 | 1 | 3 | 11 | 9 | 13 |
| Hibernians | 8 | 3 | 3 | 2 | 12 | 6 | 12 |
| Valletta | 8 | 3 | 3 | 2 | 12 | 9 | 12 |
| Birkirkara | 8 | 3 | 3 | 2 | 10 | 7 | 12 |
| Hamrun S. | 8 | 3 | 3 | 2 | 9 | 10 | 12 |
| Pieta H. | 9 | 4 | 0 | 5 | 14 | 17 | 12 |
| Msida SJ | 9 | 2 | 2 | 5 | 8 | 18 | 8 |
| Mqabba | 9 | 1 | 0 | 8 | 10 | 24 | 3 |

## Logħob li jmiss

**Is-Sibt 01.12.2007**

**Stadium Nazzjonali**

2.00 p.m.
Birkirkara v Floriana
4.00 p.m.
Valletta v Marsaxlokk

**Il-Ħadd 02.11.2007**

**Victor Tedesco Stadium**

12.45 p.m.
Hamrun v Hibernians
2.45 p.m.
Msida v Sliema W.

## 12-il goal li ġew skurjati

| Nru | Data | Isem | Team | | Avv. | Rd | Ħin | Skor | Stadium |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 109 | 24.11.07 | ALFRED EFFIONG | HAMRUN S. | v | Floriana | 1 | 21 min | 1-0 | National Stadium |
| 110 | 24.11.07 | RYAN DARMANIN | FLORIANA | v | Hamurn S. | 1 | 82 min | 1-1 | National Stadium |
| 111 | 24.11.07 | JOSEF MIFSUD | VALLETTA | v | Birkirkara | 1 | 17 min | 1-0 | National Stadium |
| 112 | 25.11.07 | NJONGO PRISO | MSIDA SJ | v | Mqabba | 1 | 22 min | 1-0 | Hibs Ground |
| 113 | 25.11.07 | CLAUDIO CALLEJA | MQABBA | v | Msida SJ | 1 | 25 min | 1-1 | Hibs Ground |
| 114 | 25.11.07 | MARCELO PEREIRA | MQABBA | v | Msida SJ | 1 | 48 min | 2-1 | Hibs Ground |
| 115 | 25.11.07 | PATRICK BORG | MSIDA SJ | v | Mqabba | 1 | 68 min | 2-2 | Hibs Ground |
| 116 | 25.11.07 | PEDRO DOS SANTOS CALCADO | MSIDA SJ | v | Mqabba | 1 | 69 min | 3-2 | Hibs Ground |
| 117 | 25.11.07 | ITALO NOGUEIRA | MQABBA | v | Msida SJ | 1 | 81 min | 3-3 | Hibs Ground |
| 118 | 25.11.07 | PEDRO DOS SANTOS CALCADO | MSIDA SJ | v | Mqabba | 1 | 86 min | 4-3 | Hibs Ground |
| 119 | 25.11.07 | PEICHO DELIMINKOV | PIETA H. | v | Sliema W. | 1 | 53 min | 1-0 | Hibs Ground |



# Ray Sant ...Il-player bl-aktar dehriet

Minn Lennard Kelder u John Formosa

Bħall-Kampjonat Premier, il-kampjonat ta' l-Ewwel Diviżjoni għandu l-eroj tiegħu wkoll. Is-sistema u dan il-format kienu ntrodotti fl-istaġun 1980-81, meta l-Ewwel Diviżjoni ġiet imsemmija "Kampjonat Premier" bid-diviżjonijiet l-oħrajn jingħataw l-ismijiet ta' kategorija akbar rispettivament.

It-Tieni Diviżjoni ġiet imsemmija bħala l-Ewwel Diviżjoni, fiż-żmien meta dan il-kampjonat beda jintlagħab fuq il-ħaxix, fil-Marsa, fil-Hibs Ground u eventwalment fil-Victor Tedesco Stadium.

Il-livell ta' din il-kategorija tjieb b'mod konsiderevoli matul is-snin, bl-obbjettiv tal-clubs ikun il-promozzjoni għall-ogħla livell tal-logħba domestika.

Matul dawn is-snin kollha kien hemm bosta players li għamlu isem f'din id-diviżjoni bil-konsegwenza li laħqu t-tragward ta' aktar minn 150 partita mat-timijiet rispettivi. Din il-lista turi li 11-il player irnexxielhom jagħmlu dan fl-Ewwel Diviżjoni bis-"sistema l-ġdida".

Kif tindika din il-lista, Raymond Sant, huwa l-aktar player li lagħab fl-Ewwel Diviżjoni. Prodott ta' Mosta, Ray Sant baqa' leali lejn dan it-team bil-konsegwenza li lagħab 171 partita magħhom. Lejn tmiem il-karriera tiegħu huwa ta servizz lil Lija Athletic fejn lagħab 17-il partita oħra għal total ta' 188 logħba personali. L-aħħar staġun tiegħu kien dak ta' l-2001-02 fejn lagħab sitt partiti bl-aħħar waħda tkun kontra Tarxien Rainbows.

Fit-tieni post jinsab Robert Plumpton, li kien jilgħab bħala difensur ma' Tarxien Rainbows, fis-snin tmenin u disgħin. Fatt interessanti huwa li Plumpton, aktar minn Ray Sant, lagħab l-aktar logħbiet ma' team wieħed f'din id-diviżjoni, jiġifieri, huwa lagħab 180 partita mar-Rainbows. Iżda mbagħad lagħab tliet logħbiet biss ma' Siggiewi għal total personali ta' 183 logħbiet personali. Plumpton lagħab ukoll ħames partiti fil-Kampjonat Premier fl-istaġun 1989-90.

Dan ir-rekord jista' jintlaħaq miż-żewġ players Robert Cassar (St. Patrick) u Carlos Camenzuli (Mosta) li għadhom attivi u li għad għandhom post regolari mat-timijiet rispettivi. Cassar s'issa lagħab 175 partita, dejjem mat-team Żabbari, filwaqt li Camenzuli lagħab għaxar logħbiet inqas minnu, 148 partita ma' Mosta u 17 ma' Tarxien Rainbows.

Mhux l-istess jista' jingħad għal Brian Testaferrata, li għalkemm għadu attiv ma' Tarxien Rainbows m'għadx għandu post regolari, fl-età ta' 39 sena. S'issa huwa jinsab fir-raba' post b'176 logħba.

| Part. | Isem | Timijiet | Debutt | Tmiem |
|---|---|---|---|---|
| 188 | Raymond SANT | Mosta 171, Lija Athletic 17 | 03.09.88 | 29.04.01 |
| 183 | Robert PLUMPTON | Tarxien Rainbows 180, Siggiewi 3 | 21.11.87 | 28.04.01 |
| 176 | Charles CALAFATO | St.George's 150, Xghajra Tornados 26 | 30.11.80 | 29.04.00 |
| 176 | Brian TESTAFERRATA | Tarxien Rainbows 120, Marsa 29 Qormi 20, Zejtun Corinthians 7 | 27.09.86 | għadu attiv |
| 175 | Robert CASSAR | St.Patrick 175 | 02.05.92 | għadu attiv |
| 167 | John AZZOPARDI | Senglea Athletics 112, Xghajra Tornados 20, Pieta' Hotspurs 18, Santa Lucia 17 | 21.09.80 | 29.04.00 |
| 165 | Carlos CAMENZULI | Mosta 148, Tarxien Rainbows 17 | 17.04.94 | għadu attiv |
| 164 | Marco CATANIA | St.Patrick 72, Xghajra Tornados 41, Mqabba 39, St.George's 12 | 26.03.88 | għadu attiv |
| 156 | Edward BARTOLO | Mqabba Hajduks/Mqabba 66, Senglea Athletics 28, St.George's 27, Xghajra Tornados 18, St.Patrick 13, Vittoriosa Stars 4 | 08.01.83 | 07.12.03 |
| 154 | Edwin GAUCI | Tarxien Rainbows 61, St.George's 28, Xghajra Tornados 22, Marsa 20, Mqabba 15, St.Patrick 6, Sliema Wanderers 2 | 28.01.84 | 28.04.04 |
| 151 | Kevin BONNICI | St.Patrick 151 | 18.03.90 | 19.11.05 |

**25.11.2007**

*Victor Tedesco Stadium*

**Marsa** ........................ 3

**Qormi** ........................ 4

**Marsa** - Keith Brincat, Joseph Rizzo, Shaun Cutajar, Darren Vella, Ivan Borg, Jeremy Dalli (Chris Sacco 76), Jean Paul Zammit, Kevin Cassar, Joseph Achokwu, Kevin Xerri, Warren Chircop - *Coach* - Jimmy Briffa

**Qormi** - Matthew Farrugia, Matthew Borg, Kurt Zammit, Daniel Zuccaro, Clyde Camoin, Jonathan Francica, Joseph Saliba (Michael Borg Olivier 86), Joseph Farrugia, Joseph Chetcuti (Anatole Debono 70), Carmel Formosa - *Coach* -Jesmond Zerafa

**Referee** - Adrian Casha

**Skorers** - C. Formosa 6, 42, K.Brincat 32 o.g., L. Grima 47 (Q); K. Xerri 29, W. Chircop 50, D. Vella 55 pen (M)

**Ammoniti** - J. Rizzo (M); J. Farrugia (Q)

**25.11.2007**

*Victor Tedesco Stadium*

**Senglea Athletic** ........ 2

**Mosta**.......................... 1

**Senglea A.** – George Attard, Simon Aquilina, Erin Azzopardi, Digger Okonkwo, Chris Cuschieri, Kevin Mifsud, Mark Tanti, Clint Caruana, Glenn Bonello (Jason Borg 70), Anthony Ewurun, Kenneth Abela - *Coach* - Richard Mercieca

**Mosta**– Jonathan Debono, Adrian Borg, Steve Borg, Mark Brincat, Carlos Camenzuli, Ryan Deguara, Melvin Farrugia, Mark Galea (Gilbert Martin 74), Ivo Ginev (Chris Pace 60), Antonio Saliba, Pio Vassallo (James Borg 86) - *Coach* - Michael Molzahn

**Referee** – Gordon Barbara

**Skorers** – A. Ewurun 6, M. Tanti 56 (SA); S. Borg 50 pen (M)

**Ammoniti** – E. Azzopardi (SA); C. Camenzuli, M. Farrugia, P. Vassallo (M)

# Mosta jwaqqg l-ewwel punti

## L-AQWA PARTITA

Mosta sofrew l-ewwel telfa ta' l-istaġun meta sfaw megħluba minn Senglea Athletic bl-iskor ta' 2-1 li min-naħa tagħhom irritornaw għar-rebħ wara t-telfa kontra Qormi. Senglea Athletic urew l-aħjar ideat tul il-logħba kollha u jidher li Mosta ħassew in-nuqqas ta' Charles Sciberras u Daniel Theuma li jinsabu mweġġgħin.

Senglea fetħu l-iskor wara biss sitt minuti meta l-goalkeeper ta' Mosta, Jonathan Debono, salva parzjalment xutt ta' ANTHONY EWURUM iżda mir-rebound l-attakkant Niġerjan ma ħafirx. Wara dan il-goal l-Athletics baqgħu jinsistu u fit-28 minuta resqu viċin li jirduppjaw meta Anthony Ewurum u Kenneth Abela laqtu l-lasta fl-istess azzjoni.

Fit-tieni taqsima Mosta ħarġu jfittxu l-goal tad-draw u huma rnexxielhom jagħmlu dan fil-50 minuta meta Ryan Deguara ġie mwaqqa' fil-kaxxa minn Simon Aquilina, ir-referee ordna penalty li minnu STEVE BORG ma żbaljax. Il-ferħ ta' Mosta ma damx wisq għax sitt minuti wara Senglea skurjaw il-goal li tahom it-tliet punti meta xutt ta' Kenneth Abela stampa mal-mimduda, il-ballun wasal f'saqajn MARK TANTI li b'xutt b'saħħtu ma ta l-ebda ċans lil Jonathan Debono jsalva. Wara dan il-goal, l-Athletics ikkontrollaw tajjeb lill-avversarji tagħhom biex l-iskor baqa' ma nbidilx.


Shaun Cutajar (Marsa) fl-azzjoni fil-logħba kontra Qormi



Attakk Mosti fuq il-lasti ta' George Attard (Senglea A.)

 KAMPJONAT I DIVIŻJONI KAMPJONAT I DIVIŻJONI

ħu

BOV 1st Div. League
BOV
Bank of Valletta
your Success, our Goal


Azzjoni mill-logħba Tarxien R. v St. George' s


Azzjoni mill-logħba Vittoriosa S. v Mellieha


Antonio Saliba (Mosta) jantiċipa qabel il-player ta' Senglea



**24.11.2007**

*Centenary Stadiums*

**Vittoriosa Stars ......... 2**

**Mellieha .................... 1**

**Vittoriosa S.** - Ivan Cassar, Robert Adami, Cedric Sciberras, Lucien Scerri, Keith Darmanin, Charles Cachia, Trevor Thomas (Eman Bugeja 88), Leighton Grech (Thimoty Thomas 71), Stephen Calleja (Silvan Privitelli 68), David Gauci, Johann Spiteri - *Coach* - Massimo Cremona

**Mellieha** - Simon Gauci, William Borg, Gianluca Calabretta, Kevin Gauci, Wayne Borg St. John, Reuben Vella, Ibrahim Tarek (Paul Vella 35), Mark Borg, Luke Cauchi (Fabian Vella 70), Sandro Costa Brazilino, Chris Borg - *Coach* - Ilir Pelinku

**Referee**: Jurgen Spiteri

**Skorers -** G. Calabretta 38 (M); Trevor Thomas 43 pen, Thimoty Thomas 84 (VS)

**Ammoniti -** K. Darmanin, S.Privitelli (VS)

**Tkeċċa -** K. Darmanin 65 (VS)

**24.11.2007**

*Centenary Stadium*

**Tarxien Rainbows ..... 1**

**St. George's ............... 0**

**Tarxien R.** – Anthony Curmi, Steve Sadowski, Manuel Caruana (Andy Mangion 77), Malcolm Buttigieg (George Cutajar 84), Simon Muscat, Essien Mbong, Simon Shead (Omar Grech 67), Angus Buhagiar, Ramon Schembri, Ryan Grech, Luke Vella Critien - *Coach* - Noel Coleiro

**St. George's** – Andrea Gatt, Christian Grech, Anthony Bonello, Jesmond Delia, Samuel Cassar, Heathcliff Schembri (Emerson Amaira 63), Silvio Sciberras, Peter Anizoba, Clayton Caruana, Glenn Tanti (Adrian Marmara 74), Vince Camilleri (Luke Agius 46) - *Coach* - Michael Woods

**Referee** – Andre Arciola

**Skorers** – A. Buhagiar 20 (TR)

**Ammoniti** – R. Grech (TR); S. Cassar (SG)

# Tiħrax it-taqtie it-timijiet ta' qu

**25.11.2007**

*Centenary Stadium*

**Sirens** ........................ 0

**Mgarr United** ........... 0

**Sirens** - Glenn Buttigieg, Patrick Barbara, Ian Borg (Giovanni Galea 78), Adrian Galea, Kristian Galea, Clyde Grech, Joseph Mallia, Calum Muscat, Ryan Theuma (Gareth Magri 46), Alan Xuereb, Kenneth Zammit (Etienne Bonnici 72)

- *Coach* - Patrick Zammit

**Mgarr U.** - Kevin Ellul, William Camilleri, Neil Busuttil, Daniel Schembri, Malcolm Bugeja, Jonathan Ebejer, Matthew Muscat, Alan Chetcuti (Mark Abela 65), Chris Abela, Matthew Borg, Eric Sciberras

- *Coach* - Joe Grech

**Referee** - William Debattista

**Ammoniti** - P. Barbara (S); J. Ebejer, C. Abela, K. Ellul (MU)

**25.11.2007**

*Centenary Stadium*

**San Gwann** ................ 2

**Naxxar Lions** ............ 0

**San Gwann** – Justin Spiteri, Adrian Gatt, Clayton Giordemaina, Ryan Newell, Lee Cumbo, Alan Borg, Roberto Brincat (Sergio Hili 86), Ryan Zammit, Alan Spiteri, Malcolm Tirchett (Stefan Cutajar 86), Kurt Micallef (Marco Mercieca 75)

- *Coach* - Joe Brincat

**Naxxar L.**– Bjorn Attard, Jonathan Grech (Steve Mercieca 46), Matthew Spiteri Gonzi, Bernard Farrugia, Kevin Fenech (Ryan Farrugia 46), Emmanuel Cutajar, Adrian Fenech, Trevor Fenech, Andrew Catania, Gerald Ancilleri (Chris Farrugia 26), Andy Bartolo

- *Coach* - Michael Degiorgio

**Referee** – Glenn Tonna

**Skorers** – A. Spiteri 7, M. Tirchett 60 (SG)

**Ammoniti** – K. Micallef (SG); B. Farrugia (NL)

**Tkeċċa** – C. Giordemaina (SG)

## L-AĦJAR PARTITA

San Gwann komplew javvanzaw finnaħa ta' fuq tal-klassifika wara li għelbu lill-ġirien Naxxar Lions b'goals ta' Alan Spiteri u Malcolm Tirchett. B'dawn it-tliet punti, is-Saints issa jinsabu fit-tieni post, punt wara l-leaders Birżebbuġa St.Peter's. San Gwann iddettaw il-logħob matul id-disgħin minuta u appena għaddew biss seba' minuti huma fetħu l-iskor minn ALAN SPITERI wara inċertezza taddifensur Naxxari, Kevin Fenech. Is-Saints ħolqu okkażjonijiet oħra permezz ta' Malcolm Tirchett u Ryan Zammit bin-Naxxarin jirrispondu minn free-kick ta' Keven Fenech u xutt ta' Andrew Catania li spiċċaw ftit barra.

Disa' minuti mill-bidu tat-tieni taqsima, San Gwann spiċċaw b'għaxar players meta tkeċċa Clayton Giordemaina għal foul professjonali iżda mas-siegħa logħob huma għalqu l-logħba bit-tieni goal skurjat minn MALCOLM TIRCHETT. Minkejja li kienu bi żvantaġġ numeriku, San Gwann kienu l-aħjar team u sattmiem reġgħu marru viċin permezz ta' Malcolm Tirchett u Ryan Zammit. Naxxar ħlew okkażjoni faċli minn Chris Farrugia.


Kurt Coleiro (Balzan Y.) l-awtur tal-goal li bih it-team tiegħu għeleb lill-Rabat Ajax


Matthew Borg II (Melita A.) jipprova jikkontrolla l-ballun b'Jason Saliba (Zurrieq) isegwi


Beppe Antigniolo (Lija Athletic) fl-azzjoni fil-logħba kontra St. Venera Lightnings



# għa bejn
# ddiem

BOV 2nd Div. League
BOV
Bank of Valletta
your Success, our Goal



Andrew Camilleri Kamsky (St. Andrew's) jitlob il-foul

**23.11.2007**

*Centenary Stadium*

**Rabat Ajax ................ 0**

**Balzan Youths........... 1**

**Rabat A.** - Jonathan Azzopardi, Jonathan Bezzina, Josef Tonna, Alan Zahra, Kayne Said (Aaron Vassallo 77), Keith Micallef (Darren Galea 65), Dylan Falzon, Michael Micallef, Christopher Schembri, Emmanuel Muscat (Paolo Ciantar 48), Adam Smeir
- *Coach* - Joseph Gerada

**Balzan Y.** - Sean Mintoff (Brian Bonello 45), Roderick Farrugia, David Agius, Sergio Cappitta, Gilbert Scerri, David Mamo (Simon Mizzi 74), Marlon Monreal, Kurt Coleiro (Jerryton Agius 86), Ives Bilocca, Ryan Mifsud, Anthony Lagana.
- *Coach* - Alfred Attard

**Referee**: Sammy Attard

**Skorer -** K. Coleiro 84 pen (BY)

**Ammoniti -** K. Micallef, A. Smeir, D. Falzon, D. Galea (RA); R. Farrugia (BY)

**Tkeċċa -** S. Cappitta 45 (BY)

**19.11.2007**

*Centenary Stadium*

**St. Venera L. .............. 1**

**Lija Athletic............... 3**

**St. Venera L.** - Clifton Caruana, Alfred Micallef (Daniel Piccinino 68), Melvin Agius, Mark Muscat, Yau Mun Law, Johann Scicluna (Andrew Hili 58), Glenn Micallef, Dean Demanuele, Pierre Spiteri, James Galea (Ian Falzon 74), Mark Grech
- *Coach* - Lawrence Aquilina

**Lija A.** - Luke Bonnici, Elton Azzopardi, Michael Mangion, Alan Ellul, Daniel Scerri, Jean Paul Scerri, Lydon Cilia, Glenn Barry (Daniel Cremona 86), Brandon Lowell (Steve Friggieri 73), Andre Scicluna, Beppe Antigniolo
- *Coach* - Anthony Grech

**Referee**: Esther Azzopardi

**Skorers -** M. Grech 38 (SVL); B. Antignolo 47, 85, A. Ellul 69 (LA)

**Ammoniti -** C. Caruana (SVL); B.Lowell, A. Ellul (LA)



Azzjoni mill-logħba bejn Sirens v Mgarr United

**23.11.2007**

*Centenary Stadium*

**Melita ....................... 0**

**Zurrieq...................... 1**

**Melita** – Matthew Sapiano, Jonathan Mifsud, Mark Stivala (Kane Micallef 65), George Gribbon, Daniel Gribbon, Daniel Gravino, Michael Martin, Mark Hyzler, Julian Galea, Matthew Borg II, David Azzopardi, Matthew Borg I
- *Coach* - Steve D'Amato

**Zurrieq** – Julian Azzopardi, Elton Camilleri, Joseph Lia, Clayton Gatt, Jeffrey Camilleri, Jason Saliba, Michael Abdilla, France Cassar (Christopher Farrugia 58), Daniel Zammit ( Darren Bellizzi 90), Matthew Genuis, Clive Shomba (Robert Bajada 75)
- *Coach* - Claude Chetcuti

**Referee** – Thomas Debono

**Skorer** – C. Farrugia 64 (Z)

**Ammoniti** – J. Camilleri, M. Genuis (Z)

**19.11.2007**

*Centenary Stadium*

**Mgarr United ........... 0**

**St. Andrew's.............. 0**

**Mgarr U.** – Kevin Ellul, William Camilleri, Neil Busuttil, Malcolm Bugeja, Daniel Schembri, Matthew Borg, Matthew Muscat (Mark Abela 72), Chris Scerri, Chris Abela, Alan Chetcuti, Eric Sciberras
- *Coach* - Joe Grech

**St. Andrew's** – Frederick Tabone, Junior Sank, Ben Diacono, Steve Falzon, Neil Chetcuti, Jonathan Briscoe White, Patrick Briscoe White, Anthony Gera (Andrew Tabone 61), Michael Calleja, Andrew Camilleri Kamsky, Jeremy Gatt Coleiro (Baldassare Borg 82)
- *Coach* - William Mock

**Referee** – Andrea Scriha

**Ammoniti** – M. Borg (MU); B. Diacono, N. Chetcuti, S. Falzon (SA)



Malcolm Tirchett (San Gwann) jipprova jgħaddi lil Bernard Farrugia (Naxxar L.)

# Zebbug jirbħu d-derby kontra Siggiewi

BOV 3rd Div. League
BOV Bank of Valletta
your Success, our Goal

## L-AĦJAR PARTITA

Zebbug Rangers rebħu d-derby kontra Siggiewi bi tliet goals fit-tieni taqsima mingħajr risposta. Ir-Rangers telgħu waħedhom fl-ewwel post. Kienu r-Rangers li ħarġu tajjeb b'George Saliba jitlef okkażjoni faċli fl-14-il minuta.

Minn hemm 'il quddiem l-inizjattiva għaddiet għand Siggiewi u f'żewġ okkażjojinjiet huma mpenjaw lill-goalkeeper Zebbuġi, Martin Pace, minn freekick ta' Jason Camilleri u xutt insidjuż ta' Eman Ciappara. Lejn tmiem l-ewwel taqsima Zebbug rebħu freekick li ġie mogħti minn Gordon Mallia b'Camilleri jsalva u fuq in-naħa l-oħra Siggiewi fallew bi ftit b'xutt angolat ta' Jason Camilleri.

Fit-58 minuta, Zebbug fetħu l-iskor b'George Saliba jixħet cross lejn JEREMY GATT li mill-viċin għeleb lil Tommy Camilleri, ex-Qormi fid-debutt tiegħu ma' Siggiewi. Hawn Zebbug bdew jiddettaw il-logħba u fit-68 minuta GEORGE SALIBA għamilhom 2-0 minn penalty mogħti għal foul fuq Julian Camilleri biex fit-73 minuta kien KEITH FARRUGIA li kompla jkabbar l-iskor għaż-Żebbuġin fuq azzjoni ta' Camilleri.

Minuta mit-tmiem inċident bejn Edgar Degabriele (Zebbug Rangers) u Josef Micallef (Siggiewi) wassal biex dawn iż-żewġ players tkeċċew mir-referee Sandro Spiteri.



Bjorn Dalli (Għaxaq) f'azzjoni quddiem il-lasti ta' Mtarfa


Tommy Camilleri (Siggiewi) jiddefendi l-lasta tiegħu f'attakk ta' Zebbug R.


Giorgio Cumbo (Mtarfa) bil-ballun u Christian Cristiano (Ghaxaq) jikkontrolla l-azzjoni


Julian Camilleri (Zebbug R.) f'nofs ground, b'Josef Micallef (Siggiewi) isegwi l-azzjoni

**25.11.2007**
**SEZZJONI A**
*Centenary Stadium*

**Siggiewi...................... 0**
**Zebbug Rangers......... 3**

**Siggiewi** - Tommy Camilleri, Chris Bezzina, Alan Caciattolo, Eman Zammit, Jonathan Debono, Stephen Said, Josef Micallef, Jason Camilleri, Josef Vassallo, Eman Ciappara, John Mascena - *Coach* Edmond Romagnoli

**Zebbug R.** - Martin Pace, Ryan Attard, Gordon Mallia, Johan Micallef, Keith Farrugia, Edgar Degabriele, Errol Cachia, George Saliba, Julian Camilleri, Jeremy Gatt, Nazzareno Abela

- *Coach* - Joe Muscat

**Referee**: Sandro Spiteri

**Skorers** - J. Gatt 58, G. Saliba 68 pen, K. Farrugia 73 (ZR)

**Ammoniti** - E. Ciappara, J. Micallef, J. Camilleri (S); K. Farrugia, J. Gatt (ZR)

**Tkeċċew** - J. Micallef 89 (S); E. Degabriele 89 (ZR)

**25.11.2007**
**SEZZJONI A**
*Centenary Stadium*

**Mtarfa ........................ 0**
**Għaxaq....................... 4**

**Mtarfa** – Adrian Muscat, Peter Spiteri, Mark Bonavia, Shawn Meilaq, Clint Borg, Lee Wingfield, Owen Dimech, Giorgio Cumbo (Jeffrey Azzopardi 76), Richard Attard, Roderick Sacco (Omar Smeir 56), Brian Zammit (65 min. Lawrence Zahra 65)

- *Coach* - Joe Borg

**Għaxaq** – Paul Celeste, Matthew Axiaq, Clayton Xuereb, Daniel Galea, Christian Cristiano (Elton Dimech 46), Brian Barbara (Daniel Lapira 80), Bjorn Dalli (Keith Caruana 82), Albert Caruana, Ludvic Camilleri, Francois Galea, Kevin Gambin

- *Coach* - Daren Micallef

**Referee** – Mohammed Khalil

**Skorers** – B. Dalli 63, 74, 79, K. Gambin 85 (Għ)

**25.11.2007 - I Diviżjoni**

*Gozo Stadium*

**Ghajnsielem..............5**

**Qala S.J. ...................1**

**Ghajnsielem** - Victor Agius, Martin Cremona, Charles Mercieca, Brian Meilaq(David Agius 90), Joseph Attard (Shannon Vasallo 87), Larry Buttigieg, Nicolai Slavchev, Franklee Galea, Jeremy Camilleri, Haruna Doda, Joseph Buttigieg (Charlon Tabone 90). - *Coach* - Tony Grech

**Qala S.J.** - Inietem Aktpan, Paul Camilleri, Brian Portelli, Mark Bonello, Glenn Cefai, Mario Mifsud, Dennis Abela, Andreas Fatso, Charlie Attard (Joseph Xerri 38), Joseph Xerri (Peter Said 74), Dione Lautier - *Coach* - Jesmond Cefai

**Referee** - Jurgen Spiteri

**Skorers** - J. Attard 2, H. Doda 39 pen, 44, S. Vassallo 90, C. Tabone 91 (Għ); M. Mifsud 78 pen (QSJ)

**Ammoniti** - N. Slavtchev, B. Meilaq (Għ); A. Fatso, M. Mifsud (QSJ)

**Tkeċċa** - I. Aktpan 38 (QSJ)

**25.11.2007 - I Diviżjoni**

*Gozo Stadium*

**Nadur Y. ..................4**

**Kercem A..................0**

**Nadur Y.** - Jonathan Xuereb (Franklin Vella 74), Marcos Secco, Peter Buttigieg, Saviour Attard, Josef Buttigieg (Shaun Muscat 90), Dejan Odevic, Chris Camilleri (Karol Mifsud 61), Charles Hili, Eric Nkwankwo, Anthony Portelli, Joseph Portelli - *Coach* - Mario Bonello

**Kercem A.** - Leonard Camilleri, Eman Hussin, Manwel Tabone, Darko Stojanovic, Gotthard Conti (Joseph Grech 81), Marlon Mamo, Jonathan Mercieca, John Paul Mizzi, Eman Hussain, Mario Azzopardi (Alvin Grech 56), Josef Debrincat - *Coach* - Victor Caruana

**Referee** – Duncan Sultana

**Skorers** – J. Portelli 9, E. Nkwankwo 22, 28, J. Buttigieg 36 (NY)

**Ammoniti** – P. Buttigieg (NY)

**Tkeċċa** – D. Stojanovic 87 (KA)

# Nadur Y. le... assoluti b'r...



Haruna Doda (Għajnsielem) imdawwar minn

## L-AHJAR PARTITA



Il-captain ta' Nadur Youngsters, Anthony Portelli, jikklerja waqt attakk ta' Kercem Ajax

Nadur Youngsters kisbu rebħa kbira ta' 4-0 fuq Kercem Ajax biex issa jinsabu leaders assoluti tal-klassifika. Kif jindika r-riżultat, iċ-champions Nadur iddominaw din il-partita fejn fetħu assedju fuq l-avversarji tagħhom fl-ewwel taqsima biex prattikament għalqu l-partita.

Wara l-mistrieħ, iċ-champions għarfu jikkontrollaw tajjeb biex imbagħad kellhom ukoll fejn iżidu l-iskor iżda nterventi f'waqthom tal-goalkeeper, Leonard Camilleri, żammew ir-riżultat ta' l-ewwel taqsima. B'hekk il-Youngsters baqgħu b'punti massimi u għadhom iridu jsofru l-ewwel goal fil-kampjonat.

Kien JOSEPH PORTELLI li fetaħ l-iskor fid-disa' minuta wara li approfitta minn indeċiżjoni fid-difiża ta' Kercem Ajax.

Fit-22 minuta ERIC NKWANKWO rdoppja b'xutt mill-viċin wara cross ta' Anthony Portelli u l-istess player kompla żied il-vantaġġ fit-28 minuta wara through-pass ta' Dejan Odevic. Fis-36 minuta JOSEF BUTTIGIEG issiġilla r-rebħa għal Nadur Youngsters bi cross-shot minn fuq il-lemin.

# aders
# ebħa kbira


Ajibade Adesina (SK Victoria W.) issikkat minn Joseph Calleja (6) u Simon Mizzi (Munxar F.)


Franco Magrin (Zebbug R.) jiddefendi l-ballun minn Ishaku Umoru (Oratory Y.)

**24.11.2007 - II Diviżjoni**

*Sannat Ground*

**Oratory Y...1**

**Zebbug R....3**

**Oratory Y.** - Kenny Grima, Stephen Thewma, Robert Attard, Charles Xuereb, Marvin Grech, Stephen Orlando, George Louis Zammit, Alex Sacco, (Orlando Atzori 65), Ishaku Umoru, Francesco Cini, Andrew Zammit - *Coach* - Domnic Grech

**Zebbug R.** - Darren Pace, Charles Cini, Patrick Camilleri, Josef Cefai, Charlton Borg (Joe Hili 53), Franco Magrin, Mario Calleja (George Sacco 78), Alex Tramboo, Joseph Cordina, Basil Chibueze,Manwel Cordina (Philip Cardona 38) - *Coach* - Joe Cini

**Referee** - Anton Zammit

**Skorers** - M. Cordina 22, Ph. Cardona 45, F. Magrin 85 (ZR); A. Zammit 77 (OY)

**Ammoniti** - Ħadd

**24.11.2007 - II Diviżjoni**

*Sannat Ground*

**SK Victoria W. ..........5**

**Munxar Falcons ........0**

**SK Victoria W.** - Marlon Mercieca (Tony Debrincat 60), Frankie Buttigieg, Simon Gatt, David Monday, Kevin Azzopardi, Mark Buttigieg, Chris Sciortino(Daniel Muscat 65), Joseph Vella, Joseph Refalo(Jean Noel Attard 58), Ajibade Adesina, Ige Adesina - *Coach* - Mark Buttigieg

**Munxar F.** - Adrian Parnis, Ryan Debrincat, Robert Hili, Chris Debrincat, Joseph Calleja, Mario Azzopardi, Matthew Debrincat, Rodrick Xerri (Simon Mizzi 60), Baudduin Takam, Chris Micallef, Joseph Agius - *Coach* - Twanny Attard

**Referee** – Mario Apap

**Skorers** – I. Adesina 20, 49, D. Monday 22, A. Adesina 70, F. Buttigieg (SKVW)

**Ammoniti** – M. Debrincat, A. Parnis, R. Debrincat (MF); K. Azzopardi 85 (SKVW)


Wilkinson Swords vs Scandals


Wilkinson Swords vs Scandals

**Diviżjoni 1**
**12.11.2007 - Corradino Pavilion**
**El Mundos .................. 6**
**Head Hunters.............. 5 HT- 3-1**

**El. Mundos** – Benny Gilanze, Edmund Lufi, Alex Azzopardi, Edwin Gauci, Godwin Stivala, Justin Ebejer, Mario Ellul, Stephen Farrugia, Edmund Zammit, Edward Borg, Ray Vella – Coach – Richard Curmi
**Head Hunters** – Adrian Lia, Ismael Achami, Michael Grech, Fousseini Kanitao, Ehsan Gsaiaa, Salem Anis, Samir Ghizani, Ibrahim Ghizani, Abdul Salem Khalifa, Rudolphe Gaerty, Mohammed Ali Saleh – Coach – Rudolphe Gaerty
**Referee** - George Bitri
**Skorers** - A.Azzopardi 3, 7, S.Farrugia 17, 36, E.Lufi 33, E.Gauci 37 (ELM), K.Egeli 13, 29, E.Gsaiaa 26, S.Anis 27, I.Achami 40 (HH)

**Diviżjoni 1**
**12.11.2007 - Corradino Pavilion**
**Kerygma ...................... 4**
**Jeepers ...................... 11 HT- 1-4**

**Kerygma** - Elton Taliana, Steve Bonello, Leandros Calleja, Brian Baldacchino, Paul Bajada, Olaf Cassar, Justin Axisa, Robert Cauchi, Patrick Bonello – Coach – Brian Sedley
**Jeepers** – Marvin Spiteri, Christopher Borg, Owen Galea, Andrew Debono, Anthony Eguzo, Alvin Cacciatolo, Zeljko Anicic, Elton Catania, Basil Onuta Emeka, Richard Busuttil – Coach – Noel Attard Flores
**Referee** - J.R.Attard
**Skorers** - P.Bugeja 18, 23, 32, L.Calleja 24 (K), B.Onuta Emeka 9, 22, 28, 39, Z.Anicic 11, 22, 30, O.Galea 12, E.Catania 17, 33, C.Borg 39 (J)

**Diviżjoni 1**
**15.11.2007 - Corradino Pavilion**
**Aluserv Futsal............. 9**
**Stingrays...................... 0 HT- 3-0**

**Aluserv** - Chris Azzopardi, Lee Connell, Gordon Sammut, Mark Borg, Mark Lautier, Iliya Milivoysa, Bjorn Vassallo, Timmy Zammit, Sandro Hili, Jovica Milivic, Branislav Tesanovic, Kurt Camilleri – Coach – Simon Montagno
**Stingrays** – Dominic Ellul, Silvio Calleja, Tony Borg, Tony Cachia, Ian Buckle, John Azzopardi, Angel Portelli, James Caruana, Jason Tabone, Ray Scicluna – Coach – Charlo Calleja
**Referee** - Stephen Mallia
**Skorers** - J.Milivic 4, 24, S.Hili 10. 25, B.Tesanovic 14, T.Zammit 23, 33, I.Milivoysa 26, M.Lautier 35 (A)

**Diviżjoni 3B**
